DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-28 ta' Novembru 2012

dwar l-adozzjoni tal-pjan ta' ħidma għall-2013 fil-qafas tat-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013), l-għażla, l-għoti u kriterji oħrajn għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-azzjonijiet ta' dan il-programm u dwar il-ħlas tal-UE għall-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk, li jservi bħala deċiżjoni ta' finanzjament

(2012/C 378/07)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 li tistabbilixxi t-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 tal-25 ta' Ġunju 2002 rigward ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 53(a), 75 u 110 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE, Euratom) Nru 2342/2002 tat-23 ta' Diċembru 2002 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 fuq ir-Regolament Finanzjarju li jgħodd għall-baġit ġenerali tal-Komunitajiet Ewropej [3], u b'mod partikolari l-Artikoli 90 u 168(1)(ċ) u (f) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/858/KE tal-15 ta' Diċembru 2004 li twaqqaf aġenzija eżekuttiva, bl-isem Aġenzija Eżekuttiva għall-Programm dwar is-Saħħa Pubblika għat-tmexxija tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa pubblika – b'applikazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 58/2003 tal-Kunsill [4], u b'mod partikolari l-Artikoli 4 u 6 tiegħu, kif emendati mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/544/KE tal-20 ta' Ġunju 2008 [5],

Billi:

(1) Huwa xieraq li jiġu awtorizzati l-għotjiet mingħajr sejħa għall-proposti lill-korpi identifikati fil-pjan ta' ħidma u għar-raġunijiet ipprovduti fih.

(2) L-użu ta' ġestjoni ċentralizzata indiretta huwa ġustifikat skont l-Artikoli 4 u 6 tad-Deċiżjoni 2004/858/KE.

(3) Inkisbet evidenza mill-uffiċjal awtorizzanti b'delega tal-eżistenza u l-operat tajjeb tal-elementi mniżżla fl-Artikolu 56 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002, fi ħdan l-entitajiet li għandhom jiġu fdati bl-implimentazzjoni tal-baġit tal-Unjoni bil-ġestjoni ċentralizzata indiretta.

(4) Din id-Deċiżjoni għandha tippermetti l-ħlas tal-imgħax dovut għal pagament li jsir tard fuq il-bażi tal-Artikolu 83 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002 u l-Artikolu 106(5) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002.

(5) Għall-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, huwa xieraq li jiġi definit it-terminu 'bidla sostanzjali' skont it-tifsira tal-Artikolu 90(4) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002.

(6) Din id-Deċiżjoni hija wkoll deċiżjoni ta' finanzjament għall-ħlas tal-UE għall-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk.

(7) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat tat-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) stabbilit mill-Artikolu 10 tad-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Il-pjan ta' ħidma għall-2013 għall-implimentazzjoni tat-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013) (minn hawn 'il quddiem "pjan ta' ħidma"), kif stabbilit fl-Anness I, u l-għażla, l-għoti u kriterji oħrajn għal kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-azzjonijiet ta' dan il-programm, kif stabbilit fl-Annessi II, III, IV, V, VI u VII, u l-ħlas tal-UE għall-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk, qegħdin jiġu adottati. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi deċiżjoni ta' finanzjament skont it-tifsira tal-Artikolu 75 tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 1605/2002.

Artikolu 2

Ġie stabbilit li l-kontribuzzjoni massima għall-pjan ta' ħidma hija ta' EUR 55 509 000, li għandha tiġi ffinanzjata mil-intestaturi li ġejjin tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2013:

(a) l-intestatura baġitarja 17 03 06 – Azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa: EUR 49 800 000

(b) l-intestatura baġitarja 17 01 04 02 – Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva: EUR 1 500 000

(c) l-intestatura baġitarja 17 01 04 30 – Sussidju lill-Aġenzija Eżekuttiva: EUR 4 209 000.

[1] ĠU L 301, 20.11.2007, p. 3.
[2] ĠU L 248, 16.9.2002, p. 1.
[3] ĠU L 357, 31.12.2002, p. 1.
[4] ĠU L 369, 16.12.2004, p. 73.
[5] ĠU L 173, 3.7.2008, p. 27.

Il-kontribuzzjonijiet addizzjonali stmati mill-pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE u mill-Kroazja għall-parteċipazzjoni tagħhom fil-Programm tas-Saħħa huma:

— Il-pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE: EUR 1 554 252

— Il-Kroazja: EUR 69 000.

Il-kontribuzzjoni stmata totali għall-intestatura baġitarja 17 03 06 – Azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa hija ta' EUR 51 260 900, għall-intestatura baġitarja 17 01 04 02 – Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva hija ta' EUR 1 544 500 u għall-intestatura baġitarja 17 01 04 30 – Sussidju lill-Aġenzija Eżekuttiva hija ta' EUR 4 326 852.

Ġie stabbilit li l-kontribuzzjoni massima għall-ħlas tal-UE għall-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk hija ta' EUR 192 000, li għandha tiġi ffinanzjata mill-intestatura baġitarja li ġejja tal-Baġit Ġenerali tal-Unjoni Ewropea għall-2013:

— l-intestatura baġitarja 17 03 05 – Ftehimiet internazzjonali u s-sħubija ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-kontroll tat-tabakk.

Dawn l-approprjazzjonijiet għandhom ikopru l-imgħax dovut għal pagament li jsir tard.

L-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni hija soġġetta għad-disponibbiltà tal-approprjazzjonijiet previsti fl-abbozz tal-baġit għall-2013 wara l-adozzjoni tal-baġit għall-2013 mill-awtorità baġitarja jew kif previst fid-dodiċeżimi provviżorji.

Artikolu 3

L-implimentazzjoni baġitarja tal-kompiti relatati mal-azzjonijiet li għandhom jitwettqu mill-ġestjoni ċentralizzata indiretta, kif stabbilit fil-pjan ta' ħidma, tista' tiġi fdata lill-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi identifikata fih.

Artikolu 4

Il-bidliet kumulattivi tal-allokazzjonijiet lill-mekkaniżmi finanzjarji speċifiċi deskritti fl-Anness I li ma jaqbżux l-20 % tal-kontribuzzjoni massima stabbilita fl-Artikolu 2 mhumiex ikkunsidrati bħala sostanzjali skont it-tifsira tal-Artikolu 90(4) tar-Regolament (KE, Euratom) Nru 2342/2002, meta dawk il-bidliet ma jaffettwawx b'mod sinifikanti in-natura u l-għan tal-pjan ta' ħidma. Iż-żieda tal-kontribuzzjoni massima stabbilita fl-Artikolu 2 ma tistax taqbeż l-20 %.

L-uffiċjal awtorizzanti responsabbli jista' jadotta tali bidliet skont il-prinċipji tal-ġestjoni finanzjarja tajba u tal-proporzjonalità.

Id-Direttur Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi għandu jiżgura l-implimentazzjoni ġenerali ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 5

L-għotjiet jistgħu jingħataw mingħajr sejħa għall-proposti lill-korpi identifikati fil-pjan ta' ħidma, skont il-kundizzjonijiet speċifikati fih.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Novembru 2012.

Għall-Kummissjoni

Maroš ŠEFČOVIČ

Viċi President

ANNESS I

Pjan ta' ħidma għall-2013 għat-tieni programm ta' azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013)

1. POLITIKA U KUNTEST LEGALI

L-Artikolu 168 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u l-obbligi legali u l-impenji politiċi li jirriżultaw huma l-bażi għall-azzjoni ppreżentata f'dan il-pjan ta' ħidma. It-Trattat jiddikjara li l-azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa pubblika hija maħsuba sabiex tappoġġja u tikkomplimenta l-azzjoni meħuda mill-Istati Membri bil-għan li jtejbu s-saħħa pubblika, jipprevjenu l-mard fiżiku u mentali u jwarrbu sorsi ta' perikolu għas-saħħa fiżika u mentali. L-Istrateġija tas-Saħħa tal-UE stabbilita fil-White Paper tal-Kummissjoni *Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE 2008-2013* (COM (2007) 630 finali) [1] tipprovdi qafas ta' politika għall-oqsma kollha koperti minn dan il-pjan ta' ħidma.

Minbarra l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, fil-Programm tas-Saħħa jistgħu jipparteċipaw ukoll pajjiżi terzi, jekk ikunu fis-seħħ il-ftehimiet neċessarji. L-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, li huma pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE, jistgħu jipparteċipaw taħt il-kundizzjonijiet speċifikati fil-Ftehim taż-ŻEE. F'dan il-programm jistgħu jipparteċipaw ukoll pajjiżi terzi oħrajn, b'mod partikolari pajjiżi tal-Politika Ewropea tal-Viċinat, pajjiżi li qegħdin japplikaw għal jew li huma kandidati għas-shubija mal-UE, jew li jinsabu fil-proċess ta' adeżjoni magħha, kif ukoll il-pajjiżi Balkani tal-punent inklużi fil-proċess ta' stabbilizzazzjoni u assoċjazzjoni. Minn dawn il-pajjiżi, hija l-Kroazja li qiegħda tagħmel dan bħalissa.

Skont il-premessa 33 tad-Deċiżjoni tal-Programm, għandha tiġi ffaċilitata l-kollaborazzjoni ma' pajjiżi terzi li ma jipparteċipawx fil-programm. Dan ma għandux jinvolvi finanzjament mill-programm. Madankollu, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza għall-esperti mistiedna minn pajjiżi bħal dawn jew li jivvjaġġaw lejn tali pajjiżi jitqiesu bħala spejjeż eliġibbli f'każijiet eċċezzjonali u ġustifikati kif xieraq, fejn dan jikkontribwixxi direttament għall-għanijiet tal-programm.

2. RIŻORSI

Dan il-pjan ta' ħidma jinkludi l-miżuri ta' implimentazzjoni għall-2013.

L-Aġenzija Eżekuttiva għas-Saħħa u l-Konsumaturi (EAHC) tassisti lill-Kummissjoni fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' ħidma skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/858/KE, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 4943 tad-9 ta' Settembru 2008. L-intestatura baġitarja għall-approprjazzjonijiet amministrattivi relatati mal-EAHC hija 17 01 04 30.

Abbażi tal-għanijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE, it-tqassim indikattiv tal-baġit operattiv (l-intestatura baġitarja 17 03 06 — Azzjoni tal-UE fil-qasam tas-saħħa) skont il-mekkaniżmu ta' finanzjament huwa kif ġej:

Għotjiet (l-għotjiet kollha implimentati mill-EAHC taħt ġestjoni ċentralizzata indiretta):

— għotjiet għal proġetti: EUR 12 330 900

— għotjiet operattivi: EUR 5 000 000

— għotjiet għal azzjonijiet konġunti: EUR 13 800 000

— għotjiet għal konferenzi: EUR 800 000 (EUR 200 000 għal konferenzi ta' Presidenza u EUR 600 000 għal konferenzi oħrajn)

— għotjiet diretti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali: EUR 1 200 000.

Akkwisti (implimentati mill-Kummissjoni jew mill-EAHC): EUR 13 300 000

Azzjonijiet oħrajn (implimentati mill-Kummissjoni jew mill-EAHC): EUR 4 830 000.

L-intestatura baġitarja 17 01 04 02 — Nefqa fuq il-ġestjoni amministrattiva hija maħsuba biex tkopri n-nefqa fuq l-istudji, il-laqgħat ta' esperti, l-informazzjoni, il-pubblikazzjonijiet u l-assistenza amministrattiva u teknika għas-sistemi tal-IT. Dawn huma marbuta direttament mal-kisba tal-għanijiet tal-programm.

3. MEKKANIŻMI TA' FINANZJAMENT

L-għotjiet kollha huma koperti minn ftehimiet bil-miktub.

3.1. **Għotjiet għal proġetti**

L-għotjiet għal proġetti jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-ispejjeż eliġibbli li jsiru. Ir-rata massima għal kofinanzjament tal-UE hija ta' 60 %. Madankollu, din tista' tiżdied għal 80 % jekk proposta tilħaq il-kriterji għall-utilità eċċezzjonali stabbilita fl-Anness VII. L-Anness II jinkludi l-kriterji tal-esklużjoni, tal-eliġibbiltà, tal-għażla u tal-għoti għall-għotjiet għal proġetti.

[1] http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2007:0630:FIN:MT:PDF

Għotja għal proġett għandha tkun ta' daqs suffiċjenti, sabiex b'hekk ikunu jistgħu jintlaħqu l-objettivi ambizzjużi b'valur miżjud Ewropew għoli u tkun tista' tiġi implimentata strateġija ta' disseminazzjoni Ewropea effikaċi.

Għandhom jiġu kkunsidrati għal finanzjament dawk il-proposti biss li jikkorrispondu direttament għas-suġġett u d-deskrizzjoni kif stabbilit f'dan il-pjan ta' ħidma u fejn it-termini 'għotja għal proġett' jew 'għotjiet għal proġetti' jkunu indikati bħala l-mekkaniżmu ta' finanzjament. Il-proposti li jindirizzaw biss il-qasam tematiku mingħajr ma jissodisfaw id-deskrizzjoni speċifika ta' azzjoni partikolari ma jiġux ikkunsidrati għal finanzjament.

L-iskeda taż-żmien indikattiva għall-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-proposti għal għotjiet għal proġetti f'Il-Ġurnal Uffiċjali hija l-aħħar tliet xhur tal-2012.

3.2. **Għotjiet operattivi**

L-għotjiet operattivi jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-ispejjeż eliġibbli li jsiru. Ir-rata massima għal kofinanzjament tal-UE hija ta' 60 %. Madankollu, din tista' tiżdied għal 80 % jekk proposta tilħaq il-kriterji għall-utilità eċċezzjonali stabbilita fl-Anness VII. L-Anness III jinkludi l-kriterji tal-esklużjoni, tal-eliġibbiltà, tal-għażla u tal-għoti għall-għotjiet operattivi. L-Anness VI jinkludi l-kriterji għall-indipendenza minn interessi industrijali, kummerċjali u tan-negozju jew minn interessi konfliġġenti oħrajn.

L-għotjiet operattivi jistgħu jingħataw għat-tiġdid ta' tali għotjiet mogħtija taħt il-pjan ta' ħidma għall-2012. Jistgħu jingħataw għotjiet operattivi ġodda lil korpi mhux governattivi u netwerks speċjalizzati li jkunu attivi f'oqsma li jikkorrespondu għat-tliet għanijiet tal-Programm tas-Saħħa. Il-ħidma taħt l-għotjiet operattivi għandha tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea kif stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2010) 2020 tat-3 ta' Marzu 2010 *EWROPA 2020 — Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv* ([1]). Kwistjonijiet partikolarment rilevanti jinkludu t-tixjiħ attiv u f'saħħtu, sistemi tas-saħħa sostenibbli, ħaddiema b'saħħithom, it-theddidiet għas-saħħa u s-sigurtà tal-pazjenti.

L-iskeda taż-żmien indikattiva għall-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-proposti għal għotjiet operattivi f'Il-Ġurnal Uffiċjali hija l-aħħar tliet xhur tal-2012.

3.3. **Għotjiet għal azzjonijiet konġunti**

L-azzjonijiet konġunti jippermettu lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri jew ta' pajjiżi oħrajn li jipparteċipaw fil-programm u lill-Kummissjoni Ewropea li jwettqu progress f'ħidma dwar kwistjonijiet identifikati b'mod konġunt. Il-korpi pubbliċi jew il-korpi mhux governattivi bbażati fi Stat Membru/pajjiż ieħor li jipparteċipa f'azzjoni konġunta jistgħu jipparteċipaw fl-azzjoni konġunta inkwistjoni. Madankollu, sabiex jagħmlu dan, għandu jkollhom mandat speċifiku mill-awtoritajiet tal-Istat Membru/pajjiż ieħor ikkonċernat.

L-għotjiet għal azzjonijiet konġunti jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-ispejjeż eliġibbli li jkunu saru. Ir-rata massima tal-kofinanzjament tal-UE hija ta' 50 %. Madankollu, din tista' tiżdied għal 70 % f'każijiet ta' utilità eċċezzjonali (ara l-Anness VII). Huwa previst kofinanzjament ta' utilità eċċezzjonali ta' 70 % għall-azzjoni konġunta 'L-iffaċilitar tal-kollaborazzjoni fost l-Istati Membri għat-tħaddim effettiv tas-sistema ta' farmakoviġilanza fl-UE' (ara l-Punt 4.1.5.2 aktar 'l isfel) minħabba l-kontribut tagħha għall-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-UE f'dan il-qasam. F'każijiet oħrajn, japplikaw il-kriterji għal utilità eċċezzjonali preskritti fl-Anness VII. L-Anness IV jinkludi l-kriterji tal-esklużjoni, tal-eliġibbiltà, tal-għażla u tal-għoti għal azzjonijiet konġunti. L-Anness VI jinkludi l-kriterji għall-indipendenza minn interessi industrijali, kummerċjali u tan-negozju jew minn interessi konfliġġenti oħrajn.

L-Istati Membri/pajjiżi oħrajn li jipparteċipaw fil-programm li jkollhom il-ħsieb li jieħdu sehem f'waħda jew aktar mill-azzjonijiet konġunti għandhom jiddikjaraw l-intenzjoni tagħhom lill-Kummissjoni qabel l-iskadenza għas-sottomissjoni tal-proposti. Bl-eċċezzjoni tal-NGOs li joperaw fil-livell tal-UE, huma biss l-organizzazzjonijiet stabbiliti fl-Istati Membri/pajjiżi oħrajn li jipparteċipaw fil-programm u li jkunu għamlu din id-dikjarazzjoni li jistgħu japplikaw sabiex jipparteċipaw f'azzjonijiet konġunti.

L-iskeda taż-żmien indikattiva għall-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-proposti għal azzjonijiet konġunti f'Il-Ġurnal Uffiċjali hija l-aħħar tliet xhur tal-2012.

3.4. **Għotjiet għal konferenzi**

Għal raġunijiet amministrattivi, il-konferenzi eliġibbli għal kofinanzjament, minbarra l-konferenzi ta' Presidenza, għandhom isiru fl-2014.

3.4.1. *Konferenzi ta' Presidenza – Monopolju de jure*

Skont l-Artikolu 168(1) (ċ) tar-Regoli ta' Implimentazzjoni, l-għotjiet jistgħu jiġu allokati mingħajr sejħa għall-proposti lil organizzazzjonijiet f'sitwazzjoni ta' monopolju *de jure* jew *de facto*, li għandhom jiġu ssostanzjati kif xieraq fid-deċiżjoni tal-għoti.

Il-konferenzi ta' Presidenza, li huma ta' natura politika qawwija u li jinvolvu rappreżentanza fl-ogħla livelli nazzjonali u Ewropej, għandhom jiġu organizzati b'mod esklussiv mill-Istat Membru li jkollu l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea. Meta wieħed iqis ir-rwol uniku li għandha l-Presidenza fil-qafas tal-attivitajiet tal-UE, l-Istat Membru responsabbli mill-organizzazzjoni tal-avveniment jitqies bħala li għandu monopolju *de jure*.

([1]) http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:2020:FIN:MT:PDF

Żewġ konferenzi organizzati mill-Presidenzi tal-Unjoni Ewropea jistgħu jirċievu sa EUR 100 000 kull waħda. Ir-rata massima ta' kofinanzjament tal-UE hija ta' 50 % tal-ispejjeż eliġibbli li jkunu saru.

Il-Presidenza għandha tissottometti lill-EAHC talba għal għotja għall-konferenza kkonċernata, permezz tar-Rappreżentanza Permanenti, bl-użu ta' formola pprovduta mill-EAHC. Dan għandu jsir mill-inqas erba' xhur qabel l-avveniment.

Il-konferenzi ta' Presidenza li għandhom jiġu ffinanzjati taħt dan il-pjan ta' ħidma huma konferenza dwar is-saħħa elettronika (eHealth), li hija ppjanata għal Mejju 2013 taħt il-Presidenza Irlandiża, kif ukoll konferenza "Is-Saħħa Mentali: Sfidi u Possibbiltajiet" li hija ppjanata għal Ottubru 2013 taħt il-Presidenza Litwana.

3.4.2. *Konferenzi oħrajn*

L-għotjiet għal konferenzi jistgħu jingħataw għall-organizzazzjoni ta' konferenzi li jikkorrespondu għat-tliet għanijiet tal-Programm tas-Saħħa. Sabiex jingħataw finanzjament, il-konferenzi għandhom jippromwovu l-prijoritajiet tal-Unjoni Ewropea kif stabbiliti fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2010) 2020 tat-3 ta' Marzu 2010 intitolata *EWROPA 2020 – Strateġija għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv*. Fost il-kwistjonijiet li huma partikolarment rilevanti hemm it-tixjiħ attiv u b'saħħtu, sistemi tas-saħħa sostenibbli, ħaddiema b'saħħithom, it-theddidiet għas-saħħa u s-sigurtà tal-pazjenti.

Il-konferenzi għandu jkollhom dimensjoni Ewropea wiesgħa. Għandhom jiġu organizzati minn korp pubbliku jew mingħajr skop ta' qligħ li jkun stabbilit f'pajjiż li jipparteċipa fil-programm u li jkollu esperjenza rilevanti ta' kooperazzjoni fuq livell tal-UE. Il-konferenzi jistgħu jirċievu sa EUR 100 000 (massimu ta' 50 % tal-baġit totali). L-Anness V jinkludi l-kriterji tal-esklużjoni, tal-eliġibbiltà, tal-għażla u tal-għoti għal konferenzi minbarra l-konferenzi ta' Presidenza.

L-iskeda taż-żmien indikattiva għall-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-proposti għal konferenzi f'Il-Ġurnal Uffiċjali hija l-aħħar tliet xhur tal-2012.

3.5. **Ftehimiet ta' għotjiet diretti ma' organizzazzjonijiet internazzjonali**

Skont l-Artikolu 168(1)(f) tar-Regoli ta' Implimentazzjoni, il-finanzjament għall-azzjonijiet ma' organizzazzjonijiet internazzjonali sejjer jiġi allokat permezz ta' ftehimiet ta' għotjiet mingħajr sejħa għal proposti dwar temi identifikati b'mod speċifiku f'dan il-pjan ta' ħidma. L-organizzazzjonijiet internazzjonali u l-uffiċċji nazzjonali jew reġjonali tagħhom mhumiex eliġibbli għal finanzjament bħala benefiċjarji ewlenin jew assoċjati taħt l-ebda sejħa għal proposti. Ir-rata massima għal kofinanzjament tal-UE hija ta' 60 % tal-ispejjeż eliġibbli li effettivament ikunu saru. Skont il-premessa 33 tad-Deċiżjoni tal-Programm, l-attivitajiet li jinvolvu pajjiżi terzi mhux parteċipanti fil-programm ma għandhomx jiġu kkunsidrati bħala spejjeż eliġibbli. Madankollu, l-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza għall-esperti mistiedna minn pajjiżi bħal dawn jew li jivvjaġġaw lejn tali pajjiżi jistgħu jiġu kkunsidrati bħala spejjeż eliġibbli f'każijiet eċċezzjonali u ġustifikati kif xieraq, fejn dan jikkontribwixxi direttament għall-għanijiet tal-programm.

Il-finanzjament permezz ta' għotjiet diretti jingħata lill-organizzazzjonijiet internazzjonali msemmija hawn taħt minħabba l-kompetenza speċifika u l-grad għoli ta' speċjalizzazzjoni tagħhom fl-oqsma koperti mill-għotjiet diretti stabbiliti fit-taqsimiet 4.1, 4.2 u 4.3:

— Il-Kunsill tal-Ewropa (KtE)

Il-Kunsill tal-Ewropa għandu għarfien espert speċifiku fl-armonizzazzjoni u l-koordinazzjoni tal-istandardizzazzjoni, ir-regolazzjoni u l-kontroll tal-kwalità tal-mediċini, tat-trasfużjoni tad-demm, tat-trapjanti tal-organi, tal-prodotti farmaċewtiċi u tal-kura farmaċewtika.

— L-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiċi (OECD)

L-OECD tippromwovi l-politiki maħsuba biex itejbu l-benesseri ekonomiku u soċjali tan-nies. L-OECD taħdem biex issaħħaħ id-dejta u l-indikaturi tas-saħħa, u tanalizza l-organizzazzjoni u l-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa, inkluż fuq il-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa.

— L-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)

Id-WHO qiegħda tidderieġi u tikkoordina l-awtorità għas-saħħa fi ħdan is-sistema tan-Nazzjonijiet Uniti. Hija responsabbli biex tipprovdi tmexxija fuq kwistjonijiet ta' saħħa globali, tfassal l-aġenda tar-riċerka dwar is-saħħa, tistabbilixxi normi u standards, tartikola għażliet ta' politika bbażati fuq l-evidenza, tipprovdi appoġġ tekniku lill-pajjiżi u timmonitorja u tivvaluta x-xejriet tas-saħħa.

3.6. **Akkwist**

L-akkwist ikopri attivitajiet bħall-evalwazzjoni u l-monitoraġġ ta' azzjonijet u politiki; studji; għoti ta' pariri, dejta u informazzjoni dwar is-saħħa; assistenza xjentifika u teknika; komunikazzjoni, tqajjim ta' kuxjenza u tixrid tar-riżultati; u applikazzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni bħala appoġġ għall-politiki. Is-sejħiet għall-offerti mistennija jiġu ppubblikati f'Il-Ġurnal Uffiċjali matul l-ewwel nofs tal-2013. Sejrin jintużaw il-kuntratti ta' qafas u l-kuntratti għal servizzi ġodda.

3.7. **Azzjonijiet oħrajn**

Azzjonijiet oħrajn ikopru l-kontribuzzjonijiet imħallsa mill-UE bħala sottoskrizzjonijiet lil korpi li tagħhom hija membru skont l-Artikolu 108(2)(d) tar-Regolament Finanzjarju, ftehimiet amministrattivi maċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC), sottodelega lill-Eurostat, spezzjonijiet tas-sistema fuq prodotti mediċinali u indennizzi speċjali mħallsa lil esperti sabiex jipparteċipaw f'laqgħat u jaħdmu fuq opinjonijiet xjentifiċi u jagħtu pariri fuq sistemi tas-saħħa.

3.8. **Ħlas tal-UE għall-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk**

L-Unjoni Ewropea hija parti bis-sħiħ għall-Konvenzjoni Qafas tad-WHO dwar il-Kontroll tat-Tabakk (FCTC). Il-pagament tal-kontribuzzjoni tal-UE tal-2013 lill-FCTC sejjer isir taħt l-intestatura baġitarja 17 03 05 – Ftehimiet internazzjonali u sħubija ta' organizzazzjonijiet internazzjonali fil-qasam tas-saħħa pubblika u l-kontroll tat-tabakk, u mhux mill-programm. L-ammont ta' dan il-ħlas huwa bbażat fuq id-deċiżjoni dwar il-pjan ta' ħidma u l-baġit għall-perjodu finanzjarju 2012-2013 meħuda mir-Raba' Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni f'Novembru 2010 (FCTC/COP/4/20).

Ġie stabbilit li l-kontribuzzjoni tal-UE għall-2013 tkun ta' USD 145 225. Sabiex ikun kopert iċ-ċaqliq tar-rata tal-kambju, ġie stabbilit li l-ammont massimu għall-2013 ikun ta' EUR 192 000. Is-Segretarjat tal-FCTC sejjer jamministra l-fondi skont ir-regoli finanzjarji tad-WHO.

4. PRIJORITAJIET GĦALL-2013

Is-saħħa tan-nies hija vantaġġ ewlieni għas-soċjetà u għall-ekonomija. Popolazzjoni f'saħħitha jkollha rwol importanti sabiex jintlaħqu l-miri tal-Ewropa 2020 għat-tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklussiv. Il-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali tagħmel enfasi fuq il-ħtieġa li jsir investiment effettiv fis-saħħa, sabiex ikunu jistgħu jiġu pprovduti servizzi aħjar b'baġits għas-saħħa sostenibbli. Dan il-pjan ta' ħidma jappoġġja l-azzjoni li tfittex li tibni sistemi tas-saħħa moderni, reattivi, inklussivi u kost-effikaċi li jkunu wkoll sostenibbli. Sejra ssir riċerka sabiex jinstabu metodi effettivi ta' investiment fis-saħħa bil-għan li l-Istati Membri jiġu pprovduti b'pariri u informazzjoni bħala appoġġ għall-isforzi tagħhom sabiex joħolqu u jżommu sistemi ta' kura tas-saħħa li jkunu effikaċi u sostenibbli.

Il-kundizzjonijiet tal-għajxien imtejba u l-avvanzi li saru fil-mediċina u l-kura tas-saħħa qegħdin jippermettu li n-nies jgħixu aktar fit-tul. Dan qiegħed iwassal għal żieda fid-domanda għall-kura tas-saħħa. Dan il-pjan ta' ħidma jappoġġja l-azzjoni li tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tas-*Sħubija għal Innovazzjoni bi Prova dwar tixjiħ attiv u b'saħħtu* taħt *l-Inizjattiva Ewlenija Unjoni tal-Innovazzjoni* ([1]). Qiegħda ssir enfasi speċifika fuq il-multimorbożità, l-aderenza għat-trattament u l-prevenzjoni ta' waqgħat. Il-pjan ta' ħidma jindirizza wkoll il-piż dejjem jiżdied ta' mard u kundizzjonijiet kroniċi billi jappoġġja l-azzjoni maħsuba biex ittejjeb l-iskambju tal-aqwa prattika, it-tagħlim minn studju ta' każ dwar id-dijabete u l-enfasi fuq il-qasam kumpless tal-multimorbożità. Barra minn hekk, sejra tiġi appoġġjata wkoll azzjoni speċifika oħra fuq il-promozzjoni tas-saħħa għall-anzjani.

Minħabba t-tħassib dejjem ikbar dwar in-nuqqas ta' professjonisti mħarrġa fil-qasam tas-saħħa u bit-tibdil demografiku li qiegħed iwassal għal żieda fid-domanda għas-servizz, l-Istati Membri tal-UE jridu jsibu mezzi biex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-ħaddiema tagħhom fil-qasam tas-saħħa. Dan il-pjan ta' ħidma sejjer jappoġġja l-azzjoni maħsuba biex issib mezzi effettivi biex isir dan. Tali azzjoni tappoġġja l-għanijiet tal-*Aġenda għall-ħiliet ġodda u l-impjiegi* ([2]), li għandha l-għan partikolari li tattrezza lin-nies bil-ħiliet adattati għax-xogħol.

Soċjetà sigura u sikura hija prerekwiżit għall-benesseri taċ-ċittadini u għat-tkabbir ekonomiku. Avvenimenti li ġraw fil-passat, bħat-tifqigħa tal-E. coli u l-problema tal-impjanti tas-sider bis-silikon PIP, urew biċ-ċar il-valur miżjud ta' azzjoni effettiva fuq livell tal-UE. Dan il-pjan ta' ħidma jmexxi 'l quddiem il-kooperazzjoni sabiex jittejbu r-reattività u t-tħejjija fir-rigward tat-*theddidiet transkonfinali għas-saħħa* u sabiex tithejja u tiġi implimentata leġiżlazzjoni dwar is-sigurtà u l-kwalità tal-*organi u s-sustanzi li joriġinaw mill-bniedem, id-demm u d-derivati tad-demm; il-prodotti farmaċewtiċi u l-apparat mediku*. L-għan aħħari huwa li tinkiseb u tinżamm il-fiduċja taċ-ċittadini tal-UE fl-azzjoni effettiva fuq livell tal-UE f'dawn l-oqsma. Sejra tiġi appoġġjata wkoll l-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni fil-qasam tal-*kura tas-saħħa transkonfinali*.

L-azzjoni relatata mal-inugwaljanzi tappoġġja l-mira tal-*Pjattaforma Ewropea kontra l-faqar u l-esklużjoni soċjali* ([3]) bil-għan li l-faqar u l-esklużjoni soċjali jitnaqqsu b'mill-inqas 20 miljun sal-2020. Din l-azzjoni għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess tal-popolazzjonijiet vulnerabbli għall-kura tas-saħħa u li tappoġġja l-inklużjoni soċjali tagħhom.

Fl-aħħarnett, ser jiġu appoġġjati għadd ta' inizjattivi bil-għan li tintlaħaq konformità mat-tielet għan tal-programm, jiġifieri li "jiġġenera u jxerred għarfien u informazzjoni dwar is-saħħa". Huma previsti serje ta' attivitajiet maħsuba biex jiġbru dejta u informazzjoni, biex jipproduċu evidenza xjentifika u biex jipprovdu liċ-ċittadini, lill-partijiet interessati u lil dawk li jfasslu l-politika b'informazzjoni li tgħinhom jieħdu deċiżjonijiet fuq firxa ta' kwistjonijiet li jaffettwaw is-saħħa individwali u kollettiva.

([1]) http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0546:FIN:MT:PDF
([2]) http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0682:FIN:MT:PDF
([3]) http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2010:0758:FIN:MT:PDF

L-azzjonijiet kollha li għandhom jiġu ffinanzjati taħt dan il-pjan ta' ħidma jfittxu li jiġġeneraw valur miżjud Ewropew sabiex jiġu appoġġjati l-isforzi tal-Istati Membri f'oqsma fejn l-azzjoni nazzjonali ma tkunx fattibbli jew effettiva. Il-valur miżjud imfittex huwa kemm ekonomiku, billi jinvolvi spejjeż aktar baxxi għall-kura tas-saħħa permezz ta' investiment aktar effettiv fis-saħħa, kif ukoll mhux ekonomiku, billi jinvolvi benesseri miżjud taċ-ċittadini.

Il-Programm tas-Saħħa għandu l-għan li jippromwovi sinerġiji ma' programmi oħrajn tal-UE attivi fil-qasam tas-saħħa, prinċipalment is-Seba' Programm Qafas tar-Riċerka taħt it-tema tas-saħħa tiegħu. Filwaqt li jevitaw kwalunkwe duplikazzjoni, l-azzjonijiet iffinanzjati minn dan il-pjan ta' ħidma għandhom jikkapitalizzaw fuq il-proġetti ta' Riċerka u Innovazzjoni li għaddejjin jew fuq dawk il-proġetti li kienu ffinanzjati fil-passat, irawmu l-implimentazzjoni tagħhom fil-prattika klinika u jagħmlu użu mir-riżultati u l-eżiti tagħhom. Lista aġġornata regolarment tal-proġetti ta' Riċerka u Innovazzjoni li għaddejjin tista' tinstab fuq is-sit elettroniku tar-riċerka dwar is-saħħa fuq http://ec.europa.eu/research/health/index_en.html

L-attivitajiet kollha ffinanzjati mill-Programm tas-Saħħa għandhom jirrispettaw id-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE.

4.1. **Azzjonijiet taħt l-ewwel għan "It-titjib tas-sikurezza tas-saħħa taċ-ċittadini"**

4.1.1. *L-iżvilupp ta' strateġiji u mekkaniżmi għall-prevenzjoni, l-iskambju ta' informazzjoni dwar u r-rispons għat-theddidiet għas-saħħa minn mard li jittieħed u mard li ma jittieħidx (il-Punt 1.1.1 fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Programm)*

4.1.1.1. It-titjib tal-aċċess għal dijanjożi bikrija tal-HIV/AIDS u t-trattament u l-kura f'waqthom tal-aktar gruppi vulnerabbli u f'reġjuni ta' prijorità

Din l-azzjoni tfittex li ttejjeb id-dijanjożi bikrija tal-HIV/AIDS u li tipprovdi trattament u kura f'waqthom għal gruppi vulnerabbli u f'reġjuni ta' prijorità. Il-prevalenza għolja tal-HIV/AIDS fl-aktar popolazzjonijiet f'riskju hija problema kbira mill-perspettivi soċjali u tas-saħħa pubblika. Huwa importanti li dawn il-gruppi jintlaħqu permezz ta' prevenzjoni, dijanjożi u trattament xierqa bil-għan li jitnaqqas it-tixrid tal-HIV/AIDS.

Din l-azzjoni sejra tiżviluppa strateġiji maħsuba biex itejbu d-dijanjożi bikrija u biex jitfasslu għodod għal trattament f'waqtu għal gruppi u reġjuni ta' prijorità. L-azzjoni sejra tfittex l-aħjar mod kif jistgħu jintlaħqu dawk in-nies li jeħtieġu testijiet u trattamenti. Barra minn hekk, hija sejra tippromwovi, ixxerred u timplimenta linji gwida u manwali ta' prattika tajba b'kooperazzjoni mal-professjonisti tas-saħħa, persuni li jgħixu bl-HIV/AIDS u dawk li jipprovdu servizzi soċjali u tas-saħħa. Din l-azzjoni sejra tikkontribwixxi biex tiżdied l-adozzjoni tal-għażliet ta' prevenzjoni, trattament u kura li huma disponibbli. Hija tappoġġja l-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2009) 569 finali tas-26 ta' Ottubru 2009 dwar *Il-Ġlieda kontra l-HIV/AIDS fl-Unjoni Ewropea u fil-pajjiżi ġirien, 2009-2013* ([1]), li tagħmel enfasi partikolari fuq il-popolazzjonijiet l-aktar f'riskju u r-reġjuni ta' prijorità.

[Għotjiet għal proġetti] Ammont indikattiv: EUR 1 500 000

4.1.2. *L-iżvilupp ta' proċeduri u kapaċità ta' ġestjoni tar-riskji, it-titjib tat-tħejjija u l-ippjanar għal emerġenzi tas-saħħa (il-Punt 1.1.3. fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Programm)*

4.1.2.1. It-tħejjija u l-ippjanar għal emerġenzi tas-saħħa pubblika

Din l-azzjoni għandha l-għan li tivvaluta t-tħejjija tal-Istati Membri biex jiffaċċjaw emerġenzi tas-saħħa pubblika. Din l-azzjoni twieġeb għal-lezzjonijiet mitgħallma minn emerġenzi tas-saħħa preċedenti, bħat-tifqigħa tal-E. coli fl-2011. L-azzjoni sejra tirriżulta f'erba' studji: (a) studju dwar is-sitwazzjoni attwali fir-rigward tad-disponibbiltà tal-pjanijiet fil-qasam tat-tħejjija ġenerika fl-Istati Membri, inkluża analiżi tad-differenzi li jeżistu f'oqsma li mhumiex koperti mill-ippjanar tat-tħejjija u l-identifikazzjoni tal-inkompatibbiltajiet bejn il-pjanijiet tal-Istati Membri, speċjalment f'dak li għandu x'jaqsam mal-interazzjoni transkonfinali; (b) studju dwar il-koordinazzjoni intersettorjali li jiffoka fuq l-identifikazzjoni u l-prijoritizzazzjoni fuq livell Ewropew ta' setturi ewlenin għajr dak tas-saħħa li jeħtieġ li jiġu ppreparati għal każijiet ta' emerġenza; (ċ) eżerċizzju ta' identifikazzjoni sabiex tittejjeb it-tħejjija għall-komunikazzjoni dwar ir-riskji u l-kriżijiet; u (d) studju li jindirizza riskji tas-saħħa ġodda minħabba l-mobilità akbar fil-kuntest tal-globalizzazzjoni (it-turiżmu, il-kummerċ, l-ivvjaġġar, it-traffiku) u t-tisħin globali. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 4.

[Kuntratt ta' qafas]

4.1.2.2. Taħriġ u eżerċizzji għat-tħejjija u r-rispons

Din l-azzjoni għandha l-għan li ttejjeb u ssaħħaħ l-istat ta' tħejjija fl-UE għal rispons kontra riskji potenzjali. L-avvenimenti tal-passat urew li kien hemm nuqqasijiet fl-għarfien tar-rwoli, l-istrutturi u l-kapaċitajiet rispettivi fis-seħħ. Għalhekk, jeħtieġ li jitjiebu l-għarfien u l-fehim tar-riskji transkonfinali u l-ġestjoni tar-rispons tas-saħħa pubblika

([1]) http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=CELEX:52009DC0569:MT:NOT

għal dawn, inkluż billi jiġu identifikati n-nuqqasijiet u l-ostakoli għall-ġestjoni effettiva ta' kriżi. Din l-azzjoni għandha żewġ pakketti ta' ħidma. L-ewwel wieħed jirrigwardja eżerċizzji għall-uffiċjali tal-Istati Membri dwar it-tħejjija u r-rispons għal theddidiet serji għas-saħħa transkonfinali. Dawn sejrin ikopru r-responsabbiltajiet u r-rwoli tal-partijiet interessati differenti fl-istrutturi eżistenti u l-interazzjoni tagħhom fil-ġestjoni ta' emerġenza. It-tieni pakkett ta' ħidma jirrigwardja t-taħriġ u jissokta l-programm ta' skambju għall-esperti/partijiet interessati tal-Istati Membri bil-għan li jittejjeb l-għarfien dwar il-ġestjoni ta' kriżi permezz tal-iskambju tal-aqwa prattiċi u esperjenzi. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 3.

[Kuntratt ta' qafas]

4.1.3. *Pariri xjentifiċi u ġestjoni tar-riskji (il-Punt 1.2.1 fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Programm)*

4.1.3.1. Assistenza xjentifika u teknika għall-funzjonament tal-Kumitati Xjentifiċi tal-UE u l-komunikazzjoni dwar ir-riskji, inklużi indennizzi speċjali

Din l-azzjoni għandha l-għan li tipprovdi lill-Kummissjoni b'pariri indipendenti u ta' kwalità għolja dwar ir-riskji għas-saħħa. Dan jgħin sabiex tinkiseb bażi xjentifika robusta għall-miżuri u l-politiki tal-UE b'mod konformi ma' regolazzjoni aħjar. Il-pariri jiġu pprovduti mill-Kumitati Xjentifiċi skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/721/KE tal-5 ta' Awwissu 2008 li twaqqaf struttura konsultattiva ta' Kumitati Xjentifiċi u esperti fil-qasam tas-sigurtà tal-konsumaturi, is-saħħa pubblika u l-ambjent u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2004/210/KE [1]. Din l-azzjoni tikkontribwixxi sabiex jiżdied ir-rwol tax-xjenza fid-dibattitu dwar il-politika tal-UE, filwaqt li tgħin sabiex tgħarraf liċ-ċittadini dwar ir-riskji. Hija tagħti wkoll iċ-ċans lill-partijiet interessati u liċ-ċittadini jifhmu aħjar il-politiki tal-UE. Din l-azzjoni għandha żewġ komponenti: (a) indennizzi speċjali mħallsa lill-esperti għall-ħidma tagħhom fuq opinjonijiet xjentifiċi; u (b) assistenza xjentifika u teknika għall-funzjonament tal-Kumitati Xjentifiċi u l-komunikazzjoni dwar ir-riskji.

L-indennizzi speċjali jitħallsu lill-esperti għall-ħidma tagħhom fuq opinjonijiet xjentifiċi, kif previst fid-Deċiżjoni 2008/721/KE.

[Azzjonijiet oħrajn] Ammont indikattiv: EUR 270 000

L-assistenza xjentifika u teknika għall-funzjonament tal-Kumitati Xjentifiċi u l-komunikazzjoni dwar ir-riskji tinkludi: (a) it-tfittxija, l-analiżi u s-sinteżi tal-letteratura xjentifika; (b) it-tħejjija ta' verżjonijiet tal-lajċi tal-opinjonijiet xjentifiċi; (ċ) it-tħejjija ta' sommarji; (d) it-tfittxija tad-dejta; (e) il-ġabra tal-bibljografija ta' suġġetti indirizzati mill-Kumitati; u (f) ir-reviżjoni tat-testi. Dan l-appoġġ huwa neċessarju, minħabba li l-membri tal-Kumitati ma jibbenifikaw mill-ebda appoġġ mill-organizzazzjonijiet tagħhom. Din l-azzjoni tkopri wkoll l-organizzazzjoni ta' seduti ta' smigħ xjentifiċi, laqgħat ta' ħidma u workshops tematiċi. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 20.

[Kuntratt ta' qafas]

4.1.4. *Is-sigurtà u l-kwalità ta' organi u sustanzi li joriġinaw mill-bniedem, tad-demm u d-derivati tad-demm (il-Punt 1.2.2 fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Programm)*

4.1.4.1. Prattiċi tajbin dwar id-donazzjoni, il-ġbir, l-ittestjar, l-ipproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' gameti għal teknoloġiji riproduttivi assistiti u ċelloli staminali emopojetiċi għat-trapjanti

Din l-azzjoni tfittex li tiżviluppa u tippromwovi prattiċi tajbin dwar id-donazzjoni, il-ġbir, l-ittestjar, l-ipproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' gameti għal teknoloġiji riproduttivi assistiti u ċelloli staminali emopojetiċi għat-trapjanti. Din l-azzjoni tikkonsisti minn żewġ pakketti ta' ħidma ewlenin. L-ewwel wieħed għandu jiżviluppa linji gwida li jipprovdu għarfien u gwida għall-atturi fil-qasam dwar id-donazzjoni, il-ġbir, l-ittestjar, l-ipproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' gameti għal teknoloġiji riproduttivi assistiti. L-għan huwa li jiġu żgurati s-sigurtà u l-kwalità tal-proċeduri differenti fl-istabbilimenti tat-teknoloġija riproduttiva assistita. It-tieni pakkett ta' ħidma għandu jiżviluppa linji gwida li jipprovdu għarfien u gwida għall-atturi fil-qasam dwar id-donazzjoni, il-ġbir, l-ittestjar, l-ipproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' ċelloli staminali emopojetiċi għat-trapjanti. L-għan huwa li jiġu żgurati s-sigurtà u l-kwalità tal-proċeduri differenti fir-reġistri tal-mudullun u fil-banek li jaħżnu d-demm tal-kurdun. Il-ħidma ta' sostenn tinkludi t-twaqqif ta' netwerk ta' spetturi ddedikati u awtoritajiet f'kull qasam, kif ukoll l-għoti ta' taħriġ dwar prattiċi tajbin lill-awtoritajiet u l-atturi fil-qasam. Dawn l-attivitajiet jgħinu sabiex jiġu ssodisfati r-rekwiżiti tas-sigurtà u tal-kwalità preskritti fid-Direttiva 2004/23/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar l-iffissar ta' standards ta' kwalità u sikurezza għad-donazzjoni, ksib, ittestjar, proċessar, priservazzjoni, ħażna u tqassim ta' tessuti u ċelloli tal-bniedem [2] u l-leġiżlazzjoni ta' implimentazzjoni tagħha.

[Azzjoni konġunta] Numru indikattiv: EUR 1 000 000

[1] ĠU L 241, 10.9.2008, p. 21.
[2] ĠU L 102, 7.4.2004, p. 48.

4.1.4.2. L-integrazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar sustanzi li joriġinaw mill-bniedem u l-eżiti tal-azzjonijiet iffinanzjati f'dan il-qasam fil-gwidi esperti tal-Kunsill tal-Ewropa

Din l-azzjoni tfittex li tgħin fl-iżvilupp ta' gwidi tal-Kunsill tal-Ewropa dwar is-sigurtà u l-kwalità ta' sustanzi li joriġinaw mill-bniedem, kif ukoll li tiżgura li dawn jieħdu kont sħiħ tal-leġiżlazzjoni tal-UE u tal-proġetti ffinanzjati mill-UE f'dan il-qasam. Dawn il-gwidi huma l-għodod ta' referenza prinċipali għall-professjonisti u l-awtoritajiet fil-qasam tat-tessuti u ċ-ċelloli, id-demm u l-organi. Bħalissa qegħdin jitħejjew is-17-il edizzjoni tal-linji gwida dwar id-demm u l-5 edizzjoni tal-linji gwida dwar l-organi. Barra minn hekk, sejjer jiġi żviluppat sett ta' linji gwida ddedikati għat-tessuti u ċ-ċelloli. Grazzi għall-involviment u l-istruttura tiegħu, il-Kunsill tal-Ewropa jista' jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tixrid tal-aqwa prattika u sabiex jilħaq udjenzi differenti fl-UE, kif ukoll f'pajjiżi li minnhom/lejhom l-Istati Membri tal-UE jimportaw/jesportaw regolarment sustanzi li joriġinaw mill-bniedem. Din l-azzjoni għandha tikkontribwixxi għal implimentazzjoni aħjar tar-rekwiżiti tas-sigurtà u tal-kwalità stabbiliti fid-Direttiva 2002/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi livelli stabbiliti ta' kwalità u sigurtà għall-ġbir, l-ittestjar, l-ipproċessar, il-ħażna u t-tqassim ta' demm tal-bniedem u komponenti tad-demm u li temenda d-Direttiva 2001/83/KE ([1]), id-Direttiva 2004/23/KE u d-Direttiva 2010/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2010 dwar l-istandards tal-kwalità u s-sikurezza ta' organi umani maħsuba għal trapjanti ([2]).

[Għotja diretta lill-KtE] Ammont indikattiv: EUR 100 000

4.1.4.3. Prattiċi tajbin fil-qasam tat-trasfużjoni tad-demm

Din l-azzjoni għandha l-għan li tiżgura l-użu effikaċi tad-demm u ta' komponenti tad-demm u li tgħin lill-isptarijiet jilħqu awto-suffiċjenza fihom permezz tal-implimentazzjoni tal-aqwa prattiċi. Din l-azzjoni għandha (a) tiżviluppa gwida dwar il-kriterji, il-parametri u l-materjal għall-implimentazzjoni tal-aqwa prattiċi u għall-evalwazzjoni tal-proċess; (b) tiżviluppa Web-portal bħala forum għall-iskambju tal-aqwa prattiċi u l-konsultazzjoni u l-eżiti nazzjonali; (ċ) tistabbilixxi netwerk ta' sptarijiet benchmark fl-UE dwar il-ġestjoni effikaċi tat-trasfużjoni tad-demm; u (d) tiżviluppa programm ta' taħriġ għal dawk li jipprovdu t-taħriġ. Din l-azzjoni għandha tgħin lill-Istati Membri jikkonformaw mar-rekwiżiti tad-Direttiva 2002/98/KE. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Sejħa għal offerti]

4.1.5. *Il-promozzjoni ta' miżuri sabiex tittejjeb is-sigurtà tal-pazjenti permezz ta' kura tas-saħħa sigura u ta' kwalità għolja (il-Punt 1.2.3 fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Programm)*

4.1.5.1. Gwida dwar it-tassonomija tas-sigurtà tal-pazjenti

Din l-azzjoni għandha l-għan li tiżviluppa toolkit minima għar-rapportaġġ ta' inċidenti fuq is-sigurtà tal-pazjenti fl-UE, inkluż sett komuni ta' termini (tassonomija) għall-aktar tipi komuni ta' avvenimenti avversi li jiġu rintraċċati fis-sistemi Ewropej ta' rapportaġġ u tagħlim. Hija għandha tinkludi wkoll rakkomandazzjonijiet dwar l-istruttura minima tas-sistemi ta' rapportaġġ adattati għall-ħtiġijiet tal-isptarijiet Ewropej u tal-istituzzjonijiet tas-sigurtà tal-pazjenti. L-abbiltà li l-avvenimenti avversi jitkejlu b'mod sistematiku u konsistenti fl-Istati Membri kollha tal-UE hija essenzjali għall-ġbir ta' dejta komparabbli u għall-iskambju tal-aqwa prattika.

Id-WHO hija kkunsidrata bħala l-aktar istituzzjoni addattata biex twettaq din l-azzjoni, minħabba li għandha għarfien espert konsiderevoli f'dan il-qasam. Il-Programm ta' Sigurtà tal-Pazjenti tad-WHO żviluppa qafas għal Klassifikazzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Pazjenti (ICPS) fl-2009 u hija tista' tagħmel użu mill-grupp internazzjonali ta' esperti tagħha mal-Komunità Globali ta' Prattika dwar is-Sistemi ta' Rapportaġġ u Tagħlim. Għandha tiġi kkunsidrata wkoll il-ħidma ta' inizjattivi multinazzjonali importanti oħrajn.

Din l-azzjoni tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali ([3]). Id-Direttiva tippromwovi l-kooperazzjoni u l-iskambju tal-aqwa prattika dwar is-sigurtà tal-pazjenti bejn l-Istati Membri, li għaliha huwa prerekwiżit li tintuża lingwa komuni dwar is-sigurtà tal-pazjenti. Hija twieġeb ukoll għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-pazjent, inkluż l-prevenzjoni minn u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (2009/C 151/01) ([4]), li titlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni Ewropea biex jiżviluppaw definizzjonijiet u terminoloġija komuni, billi jieħdu f'kunsiderazzjoni l-attivitajiet ta' standardizzazzjoni internazzjonali, bħall-Klassifikazzjoni Internazzjonali għas-Sigurtà tal-Pazjenti mwettqa mid-WHO.

[Għotja diretta lid-WHO] Ammont indikattiv: EUR 200 000

4.1.5.2. L-iffaċilitar tal-kollaborazzjoni fost l-Istati Membri għat-tħaddim effettiv tas-sistema ta' farmakoviġilanza fl-UE

Din l-azzjoni għandha l-għan li tappoġġja lill-Istati Membri sabiex jiksbu l-aħjar organizzazzjoni u tħaddim tas-sistema ta' farmakoviġilanza fl-UE u sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fid-Direttiva 2010/84/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Diċembru 2010 li temenda, fir-rigward tal-farmakoviġilanza, id-Direttiva 2001/83/KE dwar

([1]) ĠU L 33, 8.2.2003, p. 30.
([2]) ĠU L 207, 6.8.2010, p. 14.
([3]) ĠU L 88, 4.4.2011, p. 45
([4]) ĠU C 151, 3.7.2009, p. 1

il-kodiċi tal-Unjoni relatat mal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ([1]). Din l-azzjoni għandha tappoġġja lill-Istati Membri sabiex isibu mezzi kif jorganizzaw u jmexxu s-sistemi ta' farmakoviġilanza tagħhom skont il-leġiżlazzjoni dwar il-farmakoviġilanza tal-UE, billi tiffoka fuq (a) l-iskambju tal-aqwa prattiċi mill-Istati Membri għat-tħaddim ta' sistema effettiva għall-ġbir ta' informazzjoni dwar ir-reazzjonijiet avversi suspettati tal-prodotti mediċinali; (b) l-allokazzjoni tar-riżorsi u l-għarfien espert neċessarju, inkluż fil-qasam tal-komunikazzjoni dwar ir-riskji; (ċ) il-bini ta' kapaċità fuq l-evalwazzjoni ta' sistemi ta' kwalità għas-sorveljanza tal-attivitajiet ta' farmakoviġilanza; (d) l-iżvilupp ta' metodoloġija sabiex tiġi stabbilita rabta bejn is-sinjali tal-farmakoviġilanza u l-iżbalji terapewtiċi, id-doża eċċessiva, l-użu ħażin u l-abbuż possibbli, u segwitu sabiex tiġi żgurata s-sigurtà tal-pazjenti; u (e) it-taħriġ fuq spezzjonijiet ta' farmakoviġilanza u fuq it-trattament tal-master file tas-sistema tal-farmakoviġilanza b'enfasi fuq l-effetti ta' multiplikazzjoni, pereżempju, it-taħriġ ta' dawk li jipprovdu t-taħriġ.

[Azzjoni konġunta] Ammont indikattiv: EUR 3 300 000

4.1.5.3. Spezzjonijiet tas-sistemi f'pajjiżi li jesportaw sustanzi attivi għal prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem lejn l-UE

Id-Direttiva 2001/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Novembru 2001 dwar il-kodiċi tal-Komunità li għandu x'jaqsam ma' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem ([2]) teħtieġ konformità mar-rekwiżiti legali li jirregolaw il-prodotti mediċinali. Din l-azzjoni għandha l-għan li tiżgura tali konformità permezz ta' spezzjonijiet tas-sistemi f'pajjiżi terzi li jesportaw sustanzi attivi għal prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem lejn l-UE u permezz ta' attivitajiet preparatorji f'pajjiżi esportaturi ewlenin. Din l-azzjoni għandha tgħin sabiex tiżgura li l-oqfsa regolatorji għall-manifattura ta' ingredjenti farmaċewtiċi attivi, inklużi s-sistemi ta' spezzjoni u infurzar, ikunu ekwivalenti għal dawk tal-UE. Tali attivitajiet preparatorji u spezzjonijiet fuq il-post f'pajjiżi terzi sejrin jiġu organizzati b'kollaborazzjoni mal-Istati Membri u mal-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini. Dan għandu jikkontribwixxi għall-iżgurar tas-sigurtà u l-kwalità tal-prodotti mediċinali. L-ispejjeż tal-ivvjaġġar u tas-sussistenza jitħallsu lill-esperti tal-Istati Membri għall-parteċipazzjoni tagħhom fl-ispezzjonijiet tas-sistemi.

[Azzjoni oħra] Ammont indikattiv: EUR 300 000

4.1.5.4. Analiżi tar-rapportaġġ tal-inċidenti

Din l-azzjoni għandha l-għan li tgħin lill-Istati Membri u lill-UE jiżviluppaw għarfien komuni dwar il-kwalità tal-kura tas-saħħa u s-sigurtà tal-pazjenti madwar l-UE. L-analiżi li għandha ssir sejra tiffoka fuq is-sistema ta' viġilanza għall-mezzi mediċi. Din is-sistema sservi bħala eżempju ta' sistema li permezz tagħha jiġu rrapportati l-inċidenti relatati mas-sigurtà tal-pazjenti fuq livell nazzjonali u fejn ir-rapportaġġ nazzjonali jista' jiġi sfruttat aħjar fil-livell Ewropew. Din l-azzjoni għandha tiżviluppa rakkomandazzjonijiet għal mekkaniżmi li jidentifikaw b'mod aktar effettiv is-sinjali, ix-xejriet u ż-żieda fil-frekwenza tal-inċidenti. Tali mekkaniżmi jistgħu jiġu applikati fis-settur tat-teknoloġija tas-saħħa.

[Ftehim amministrattiv mal-JRC] Ammont indikattiv: EUR 260 000

4.2. **Azzjonijiet taħt it-tieni għan "Il-promozzjoni tas-saħħa"**

4.2.1. *Il-promozzjoni ta' inizjattivi sabiex jiżdiedu s-snin ta' ħajja b'saħħitha u l-promozzjoni ta' tixjieħ b'saħħtu (il-Punt 2.1.1 fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Programm)*

4.2.1.1. L-indirizzar ta' mard kroniku u l-promozzjoni ta' tixjieħ b'saħħtu tul iċ-ċiklu tal-ħajja

Din l-azzjoni tindirizza l-isfida tal-piż miżjud li jpoġġu l-mard u l-kundizzjonijiet kroniċi fuq l-individwi u s-sistemi tas-saħħa, b'enfasi speċifika fuq il-multimorbożità. Hija twieġeb ukoll għall-prijoritajiet tas-Sħubija tal-Innovazzjoni Ewropea dwar it-Tixjiħ Attiv u b'Saħħtu, il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tixjieħ attiv tas-7 ta' Ġunju 2010 ([3]), il-konklużjonijiet tal-Kunsill "Approċċi innovattivi għal mard kroniku fis-saħħa pubblika u fis-sistemi tal-kura tas-saħħa" tas-7 ta' Diċembru 2010 ([4]), kif ukoll il-proċess ta' riflessjoni fuq mard kroniku mniedi mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni. Din l-azzjoni hija komposta minn azzjoni konġunta u għotjiet għal proġetti.

L-azzjoni konġunta tinkludi tliet pakketti ta' ħidma. L-ewwel wieħed għandu jiżviluppa sistema għall-ġbir, il-validazzjoni u t-tixrid ta' prattika tajba li tiffoka fuq il-prevenzjoni ta' mard u kundizzjonijiet kroniċi tul iċ-ċiklu tal-ħajja b'enfasi fuq approċċi innovattivi li jindirizzaw fatturi ta' riskju ewlenin. It-tieni pakkett ta' ħidma juża d-dijabete bħala studju ta' każ ta' marda kronika klassika u sejjer jiffoka fuq l-ostakoli li jeżistu għall-prevenzjoni, l-iskrinjar u t-trattament u fuq kif l-Istati Membri jistgħu jtejbu l-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni. Dan jista' jinkludi l-monitoraġġ tal-implimentazzjoni mill-Istati Membri ta' Programmi Nazzjonali dwar id-Dijabete u l-iskambju ta' prattika tajba madwar l-UE. It-tielet pakkett ta' ħidma jfittex li jiżviluppa gwida u metodoloġiji komuni għal toroq ta' kura għal pazjenti multimorbuż. Il-gwida għandha tiffoka fuq it-tfassil ta' approċċi innovattivi, kost-effikaċi u ffokati fuq il-pazjenti għal pazjenti multimorbuż, inklużi interventi ta' prevenzjoni sekondarja, dijanjożi bikrija u aderenza mar-regolamentazzjonijiet ta' trattament u mediċina li jindirizzaw il-polifarmaċija. Dan il-pakkett ta' ħidma jinkludi wkoll l-iskambju tal-aqwa prattiċi u dejta ta' evidenza li tista' tiżdied.

([1]) ĠU L 348, 31.12.2010, p. 74.
([2]) ĠU L 311, 28.11.2001, p. 67.
([3]) DOK 9489/10.
([4]) http://www.consilium.europa.eu/uedocs/cms_Data/docs/pressdata/en/lsa/118282.pdf

[Azzjoni konġunta] Ammont indikattiv: EUR 5 000 000

Bħala appoġġ għall-azzjoni konġunta, l-għotjiet għal proġetti sejrin jiffokaw fuq il-promozzjoni ta' stili ta' ħajja tajba għas-saħħa fost dawk li għandhom aktar minn 65 sena permezz tal-prevenzjoni ta' riskji speċifiċi. Stili ta' ħajja mhux tajba għas-saħħa u l-iżolament soċjali huma fatturi ta' riskju ewlenin għall-mard kroniku u jħallu impatt negattiv fuq is-saħħa tal-anzjani. Din l-azzjoni għandha tippromwovi approċċi mmirati, innovattivi u kost-effikaċi għall-promozzjoni tas-saħħa fi gruppi ta' età akbar.

[Għotja għal proġett] Ammont indikattiv: EUR 1 000 000

4.2.1.2. L-appoġġ għall-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea għal Innovazzjoni dwar it-Tixjieħ Attiv u b'Saħħtu

Bħala appoġġ għall-implimentazzjoni prattika ta' soluzzjonijiet innovattivi li jwieġbu għall-prijoritajiet tas-Sħubija Ewropea għal Innovazzjoni dwar it-Tixjieħ Attiv u b'Saħħtu, l-għotjiet għal proġetti sejrin irawmu azzjonijiet pilota fil-livell lokali u reġjonali li jiffokaw fuq il-ġestjoni tal-multimorbożità fost l-anzjani permezz ta' toroq għal kura integrata, kif ukoll fuq it-titjib tal-aderenza għat-trattament u l-prevenzjoni ta' waqgħat u fraġilità. Dawn l-azzjonijiet pilota sejrin jiġbru flimkien l-attivitajiet pubbliċi u privati ta' eċċellenza ppjanati u eżistenti sabiex jinħolqu proġetti innovattivi, prattiċi, fattibbli u li jistgħu jitkejlu ċċentrati madwar:

(1) L-implimentazzjoni ta' interventi integrati jew ikkoordinati għall-identifikazzjoni bikrija u d-dijanjożi ta' dgħjufija fiżika fl-anzjani li tista' tkun ippreċeduta minn multimorbożità u segwita mill-iżvilupp ta' diżabilità. L-indirizzar tal-fraġilità jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għall-iżvilupp ta' kura integrata personalizzata, jiffaċilita l-koordinazzjoni fost il-professjonisti u jnaqqas l-użu bla bżonn tar-riżorsi tal-kura tas-saħħa.

(2) L-implimentazzjoni ta' interventi li jindirizzaw il-polifarmaċija – nuqqas ta' indikazzjonijiet xierqa, doża inadegwati u tossiċitajiet subkliniċi tal-medikazzjonijiet. L-istrateġiji attwali jinkludu għodod ta' skrinjar, iżda l-interventi li jikkombinaw ambjenti ta' kura u professjonisti tas-saħħa differenti permezz ta' monitoraġġ elettroniku jistgħu jkunu sinifikanti wkoll.

[Għotja għal proġett] Ammont indikattiv: EUR 6 000 000

4.2.2. *L-appoġġ għal inizjattivi sabiex jiġu identifikati l-kawżi ta', u sabiex jiġu indirizzati u jitnaqqsu l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa fl-Istati Membri u bejniethom; il-promozzjoni tal-investiment fis-saħħa b'kooperazzjoni ma' politiki u fondi oħrajn tal-Komunità; l-appoġġ għall-kooperazzjoni fuq kwistjonijiet ta' kura transkonfinali u l-mobilità tal-professjonisti tas-saħħa u tal-pazjenti (il-Punt 2.1.2 fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Programm)*

4.2.2.1. Pakketti ta' taħriġ għall-professjonisti tas-saħħa sabiex jittejbu l-aċċess għal u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa għall-immigranti u l-minoranzi etniċi

Din l-azzjoni għandha l-għan li ttejjeb l-aċċess għal u l-kwalità tas-servizzi tas-saħħa għall-immigranti u l-minoranzi etniċi permezz ta' taħriġ imtejjeb għall-professjonisti tas-saħħa. Din l-azzjoni għandha tiżviluppa pakketti ta' taħriġ, tfassal it-taħriġ u xxerred prattiċi tajbin. Hija mmirata għall-awtoritajiet nazzjonali, dawk li jipprovdu s-servizzi tas-saħħa u l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-immigranti u l-minoranzi etniċi. Din l-azzjoni għandha tirrevedi l-materjal ta' taħriġ eżistenti, tidentifika n-nuqqasijiet u l-ħtiġijiet, toħloq moduli prinċipali għal materjal ta' taħriġ ġdid u tadatta dan il-materjal ta' taħriġ għal kuntesti nazzjonali speċifiċi. Il-pilotaġġ sejjer isir f'mill-inqas ħames pajjiżi li jipparteċipaw fil-programm. Din l-azzjoni tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM (2009) 567 finali tal-20 ta' Ottubru 2009 dwar is-*Solidarjetà fis-Saħħa: It-Tnaqqis tal-Inugwaljanzi fis-Settur tas-Saħħa fl-UE* ([1]), li titlob għal azzjoni fil-livell tal-UE u għodod ta' taħriġ professjonali li jindirizzaw l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa permezz tal-Programm tas-Saħħa, il-FSE u mekkaniżmi oħrajn. Hija twieġeb ukoll għall-prijorità tal-UE-2020 li jitnaqqsu l-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa bil-għan li jitrawwem it-tkabbir inklussiv. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Sejħa għal offerti]

4.2.2.2. L-appoġġ għal azzjoni dwar l-użu effettiv tal-Fondi Strutturali u ta' Koeżjoni għal investimenti fis-saħħa

Din l-azzjoni għandha l-għan li tippromwovi l-iżgurar u l-użu effikaċi tal-finanzjament għas-saħħa mill-Istati Membri u r-reġjuni taħt il-programmar tal-Fondi Strutturali fil-perjodu 2014-2020, bil-għan li jittejbu l-effettività, il-kwalità u s-sostenibbiltà tas-sistemi tas-saħħa. Hija twieġeb għall-konklużjonijiet tal-Kunsill: lejn sistemi tas-saħħa moderni, reattivi u sostenibbli (2011/C 202/04) tas-6 ta' Ġunju 2011 ([2]), u ssegwi fuq il-ħidma tas-Sottogrupp tal-Proċess ta' Riflessjoni tas-Sistemi tas-Saħħa fuq l-użu effettiv tal-Fondi Strutturali. Din l-azzjoni għandha l-għan li tibni għarfien dwar l-użu tal-Fondi Strutturali għas-saħħa fil-perjodu tal-ipprogrammar il-ġdid, ixxerred dan l-għarfien u tibni l-għarfien espert fuq il-Fondi Strutturali, b'mod partikolari fost il-ministeri tas-saħħa u korpi tas-saħħa rilevanti oħrajn. L-eżiti tagħha mistennija jkunu (a) l-identifikazzjoni tal-użu tal-Fondi Strutturali fil-qasam tas-saħħa; (b) il-ġabra ta' prattiċi li rnexxew; u (ċ) sett ta' għodod sabiex isiru investimenti sostenibbli u effettivi fil-qasam tas-saħħa, inklużi l-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, permezz tal-Fondi Strutturali, għal atturi fis-settur tas-saħħa u f'setturi li jħallu impatt fuq is-saħħa fil-livell reġjonali u nazzjonali. It-tul ta' żmien ippjanat tal-azzjoni huwa ta' 18-il xahar.

([1]) http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2009:0567:FIN:MT:PDF
([2]) ĠU C 202, 8.7.2011, p. 10.

[Sejħa għal offerti/Kuntratt ta' qafas]

4.2.2.3. Tagħrif liċ-ċittadini u lill-partijiet interessati dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali

Din l-azzjoni għandha l-għan li tgħarraf liċ-ċittadini dwar id-drittijiet tagħhom relatati mal-kura tas-saħħa transkonfinali. Din l-azzjoni tkopri kemm id-drittijiet taċ-ċittadini, kif ukoll l-azzjonijiet tal-Istati Membri sabiex ikun żgurat li l-pazjenti jkunu jistgħu jużaw id-drittijiet tagħhom, jiġifieri it-twaqqif ta' proċessi ta' rimborż trasparenti; definizzjoni ċara tal-intitolament għall-kura tas-saħħa; il-proċessi ta' awtorizzazzjoni; l-għoti ta' tagħrif dwar is-sistemi tas-saħħa u l-forniturі individwali; u t-twaqqif ta' punti ta' kuntatt nazzjonali. L-attivitajiet ta' tagħrif u komunikazzjoni, li għandhom ikunu mmirati għall-Istati Membri kollha, jinkludu filmati elettroniċi bil-vidjo u għodod innovattivi oħrajn; konferenzi; materjal ta' informazzjoni bil-lingwi uffiċjali tal-UE; gwida dettaljata għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kura tas-saħħa transkonfinali; u preżenza interattiva fuq l-internet bil-lingwi uffiċjali. Din l-azzjoni għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni effettiva tad-Direttiva 2011/24/UE.

[Sejħa għal offerti/Kuntratt ta' qafas]

4.2.2.4. Valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa (Health technology assessment – HTA): djalogu bikri bi prova dwar il-prodotti farmaċewtiċi u l-mezzi mediċi

Id-Direttiva 2011/24/UE tistabbilixxi netwerk volontarju li jgħaqqad l-awtoritajiet nazzjonali jew il-korpi responsabbli mill-valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa sabiex jappoġġjaw u jiffaċilitaw il-kooperazzjoni fost l-Istati Membri. Din l-azzjoni tikkontribwixxi għal din il-kooperazzjoni permezz tat-twettiq ta' djalogu bikri bi prova dwar il-prodotti farmaċewtiċi u l-mezzi mediċi. L-għan tagħhom huwa li jiffaċilitaw id-djalogu bejn l-industrija u r-regolaturi, il-korpi multipli tal-HTA u l-kontribwenti matul l-iżvilupp tat-teknoloġija tas-saħħa. L-iskop huwa li tiġi żgurata l-prevedibbiltà kummerċjali għall-industrija fir-rigward tal-aċċess għas-suq wara awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq jew il-ħruġ ta' liċenzja CE; ir-razzjonalizzazzjoni tar-rekwiżiti għal atturi varji; il-kumplimentarjetà mal-pariri xjentifiċi pprovduti mill-Aġenzija Ewropea tal-Mediċini; u t-tħejjija ta' rekwiżiti ta' mmarkar CE jew wara awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq. Din l-azzjoni għandha l-għan li twettaq sa 10 djalogi bikrin bi prova. Minbarra li tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/24/UE, din l-azzjoni twieġeb għall-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-innovazzjoni fis-settur tal-mezzi mediċi (2011/C 202/03). In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Sejħa għal offerti]

4.2.2.5. Ħarsa ġenerali lejn il-qafas legali għar-reġistri tas-saħħa elettronika fl-Istati Membri

In-Netwerk tas-Saħħa elettronika qiegħed jaħdem lejn il-ħolqien ta' linji gwida tal-interoperabbiltà għas-Saħħa elettronika li jipprovdu qafas fil-livell legali, organizzazzjonali, semantiku u tekniku. Din il-ħidma għandha l-għan li ssaħħaħ u tiżgura servizzi ta' Saħħa elettronika bla xkiel f'livell Ewropew, billi tkopri l-iskambju elettroniku ta' settijiet sommarji ta' dejta dwar il-pazjenti, Preskrizzjoni elettronika u Identifikazzjoni elettronika għas-saħħa, sabiex b'hekk ikunu żgurati s-sigurtà u l-kontinwità tal-kura tas-saħħa transkonfinali għaċ-ċittadini. L-esperjenza tal-proġett fuq skala kbira msejjaħ 'European Patients Smart Open Services' (EPSOS) dwar is-servizzi transkonfinali tas-Saħħa elettronika wriet li wieħed mill-ostakoli għas-sostenibbiltà tas-servizzi tas-Saħħa elettronika bi prova huwa l-isfida tal-interoperabbiltà legali.

L-eżitu mistenni ta' din l-azzjoni huwa studju li sejjer jeżamina fid-dettall u jipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-oqfsa regolatorji fil-livell nazzjonali dwar ir-reġistri tas-saħħa elettronika (EHR) u jipprovdi rakkomandazzjonijiet sabiex tiġi ffaċilitata l-ħidma tan-Netwerk tas-Saħħa elettronika fuq l-istruttura legali tal-interoperabbiltà tas-Saħħa elettronika. Dan l-istudju sejjer jibni fuq l-evidenza eżistenti, miġbura primarjament matul il-kors tal-proġetti tal-UE appoġġjati mid-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks, il-Kontenut u t-Teknoloġija tal-Komunikazzjoni u mid-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u l-Konsumaturi. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Sejħa għal offerti]

4.2.2.6. L-awtorizzazzjoni tal-pazjenti fil-ġestjoni ta' mard kroniku

Din l-azzjoni tfittex li tgħin sabiex jinftiehem il-kunċett tal-awtorizzazzjoni tal-pazjenti u tidentifika l-vantaġġi u l-ostakoli inerenti permezz ta' identifikazzjoni dettaljata tal-inizjattivi eżistenti fl-awtoġestjoni ta' mard kroniku. L-awtorizzazzjoni tal-pazjenti hija valur prinċipali ta' sistema tas-saħħa moderna ffokata fuq il-pazjenti, kif iddikjarat mill-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar valuri u prinċipji komuni fis-Sistemi tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (2006/C 146/01) [1]. Madankollu, il-kunċett tal-awtorizzazzjoni tal-pazjenti mhuwiex ċar u l-awtorizzazzjoni tal-pazjenti sikwit tkun perċepita biss bħala l-użu ta' għodod tas-Saħħa elettronika. Hemm ukoll it-tħassib li pazjent awtorizzat jista' jirrappreżenta spiża miżjuda għas-sistema tas-saħħa. Din l-azzjoni għandha tirriżulta f' (a) katalogu ta' strateġiji u azzjonijiet li rnexxew fir-rigward tal-awtorizzazzjoni tal-pazjenti; (b) identifikazzjoni tal-ostakoli għal u l-vantaġġi tal-awtorizzazzjoni tal-pazjenti; (ċ) metodu

[1] ĠU C 146, 22.6.2006, p. 1.

għall-validazzjoni tat-trasferibbiltà ta' prattiċi tajbin fuq l-awtorizzazzjoni tal-pazjenti; u (d) xenarji ta' kollaborazzjoni tal-UE dwar l-awtorizzazzjoni tal-pazjenti. L-istudju li jirriżulta mistenni jitlesta u jiġi ppreżentat għall-ħabta ta' nofs l-2014. Ir-riżultati għandhom jikkontribwixxu għall-Proċess ta' Riflessjoni dwar Mard Kroniku abbażi tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Approċċi innovattivi għall-mard kroniku fis-saħħa pubblika u s-sistemi tal-kura tas-saħħa", bil-għan li tkun iffaċilitata l-provvista ta' kura tas-saħħa sostenibbli u ta' kwalità għolja. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Sejħa għal offerti]

4.2.2.7. Netwerks pilota ta' kooperazzjoni skont id-Direttiva 2011/24/UE

Din l-azzjoni tfittex li twitti t-triq għal netwerks Ewropej ta' referenza, kif previst mid-Direttiva 2011/24/UE. In-netwerks Ewropej ta' referenza sejrin jorbtu l-forniturituri tal-kura tas-saħħa u ċ-ċentri ta' għarfien espert fl-Istati Membri. L-għan huwa li jittejjeb l-aċċess għad-dijanjożi u tiġi pprovduta kura tas-saħħa ta' kwalità għolja lill-pazjenti li jkollhom kundizzjonijiet li jeħtieġu konċentrazzjoni partikolari ta' riżorsi jew kompetenzi, speċjalment meta l-għarfien espert ikun rari u meta l-volum ta' każijiet ikun baxx. Din l-azzjoni tfittex li twaqqaf żewġ netwerks pilota, wieħed fuq iċ-ċentri tal-onkoloġija pedjatrika u wieħed fuq iċ-ċentri speċjalizzati ħafna tan-newroloġija, tan-newrofiżjoloġija u tan-newrokirurġija. Il-ħidma fuq iż-żewġ netwerks għandha tkopri miri konkreti ta' u proposti għall-konċentrazzjoni ta' proċeduri dijanjostiċi u terapewtiċi ta' frekwenza baxxa jew ta' kumplessità għolja f'servizzi li għandhom ammont adegwat ta' każijiet u riżultati vverifikati. Hija tkopri wkoll evalwazzjoni tar-riżultati.

L-għan ta' netwerk pilota ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċentri tal-onkoloġija pedjatrika huwa li jimplimenta u jkompli jiżviluppa l-istandards Ewropej tal-kura għat-tfal morda bil-kanċer. Dan għandu jsir fuq il-bażi tal-aħħar żviluppi, għarfien u l-aqwa prattika. Din l-azzjoni tiffoka fuq il-kanċer fit-tfal, bħal tipi speċifiċi ta' kanċer bħal tumuri solidi, pereżempju n-newroblastoma, ir-retinoblastoma, it-tumur Wilms, is-sarkoma tat-tessuti rotob u tal-għadam. Din l-azzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-ħidma li twettqet diġà mill-proġetti li ġejjin: in-Netwerk Ewropew għar-Riċerka dwar il-Kanċer fit-Tfal u l-Adoloxxenti, ENCAA, http://www.encca.eu/; l-Istudji tal-PANCARESURFUP (PanCare Childhood and Adolescent Cancer Survivor Care and Follow-up), http://www.pancaresurfup.eu/; Provi Kliniċi Ewropej fuq Sarkomi Rari fi ħdan netwerk integrat ta' prova ta' konverżjoni, EUROSARC; Studju Internazzjonali għat-trattament tat-tfal li jerġgħu jimirdu, ALL 2010, b'terapija standard, l-integrazzjoni sistematika ta' aġenti ġodda u l-istabbiliment ta' dijanjożi u riċerka standardizzati (INTREALL), http://www.intreall-fp7.eu/; u l-ASSET (Analysing and Striking the Sensitivities of Embryonal Tumours), http://www.ucd.ie/sbi/research/areasofresearch/sbicollaborativeprojects/assetfp7/consortiumpartners/

[Għotja għal proġett] Ammont indikattiv: EUR 1 500 000

L-għan ta' netwerk pilota ta' kooperazzjoni bejn iċ-ċentri speċjalizzati ħafna tan-newroloġija, tan-newrofiżjoloġija klinika u tan-newrokirurġija huwa li jippromwovi l-kooperazzjoni u li jittestja u jiskambja l-istandards u l-aqwa prattiċi fuq kundizzjonijiet newroloġiċi u newrokirurġiċi kumplessi u speċjalizzati ħafna, bħall-epilessija refrattorja, kundizzjonijiet severi fil-kranju u fil-wiċċ, korrimenti fin-nervituri tad-dirgħajn, uġigħ newropatiku refrattorju, l-atassja u l-parapleġija ereditarji, l-isklerożi multipla u kundizzjonijiet ċerebro-vaskulari kumplessi. Iċ-ċentri li joffru ċerti trattamenti u proċeduri għal kundizzjonijiet newroloġiċi/newrokirurġiċi, bħal newrokirurġija kumplessa, kirurġija ta' disturbi fil-moviment u newromodulazzjoni tal-moħħ, jeħtieġu biżżejjed esperjenza u għarfien espert, kif ukoll riżorsi umani u tekniċi adegwati u kkwalifikati tajjeb. Dawn iċ-ċentri għandu jkollhom firxa wiesgħa ta' servizzi mediċi kumplimentari minħabba li huma involuti dixxiplini differenti, bħan-newroloġija, in-newrokirurġija, in-newrofiżjoloġija, in-newroradjoloġija, in-newropatoloġija u l-kura intensiva. Il-ħidma f'tim u linji gwida u proċeduri żviluppati tajjeb huma essenzjali wkoll.

[Għotja għal proġett] Ammont indikattiv: EUR 1 500 000

4.2.2.8. Ħarsa ġenerali lejn il-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa fl-UE

Din l-azzjoni tfittex li tipprovdi ħarsa ġenerali lejn l-edukazzjoni u t-taħriġ għall-professjonisti fil-qasam tas-saħħa fl-UE permezz ta' analiżi kwantitattiva u kwalitattiva. L-ewwel għan huwa li tiġi pprovduta l-identifikazzjoni tal-istruttura u l-kapaċità ta' programmi nazzjonali fl-UE. Dan ikopri l-kisba ta' informazzjoni dwar ir-reġimi regolatorji għall-edukazzjoni u t-taħriġ tal-professjonisti mediċi u tal-infermiera, u l-istrutturi ta' governanza tagħhom fl-Istati Membri. It-tieni, din l-azzjoni għandha tipproduċi studju dwar id-dimensjoni tal-kwalità tal-programmi sabiex jiġi ddeterminat jekk il-programmi ta' edukazzjoni u taħriġ humiex qegħdin iwasslu l-ammont xieraq ta' professjonisti bil-ħiliet addattati sabiex jilħqu l-ħtiġijiet tas-sistema tal-kura tas-saħħa. L-istudju għandu jippreżenta wkoll għażliet u jagħmel rakkomandazzjonijiet għal azzjoni tal-UE potenzjali sabiex jitrawmu sħubiji bejn l-Istati Membri bil-għan li jsir l-aħjar użu mill-kapaċitajiet tat-taħriġ fl-UE. Din l-azzjoni għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ħaddiema fil-Qasam tas-Saħħa tal-UE adottat bħala parti mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2012) 173 finali tat-18 ta' April 2012 *Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi* [1].

[Għotja diretta lill-OECD] Ammont indikattiv: EUR 200 000

4.2.2.9. L-analiżi u l-identifikazzjoni tal-iżvilupp professjonali kontinwu tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa

Din l-azzjoni tfittex li tanalizza u tidentifika l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa. Minħabba t-thassib dejjem jikber dwar in-nuqqas ta' professjonisti mħarrġa fil-qasam tas-saħħa u bit-tibdil demografiku li qiegħed iwassal għal żieda fid-domanda għas-servizzi, l-Istati Membri għandhom isibu mezzi biex jiżguraw is-sostenibbiltà tal-ħaddiema tagħhom fil-qasam tas-saħħa. Kif enfasizzat fil-Pjan ta' Azzjoni għall-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa tal-UE, l-aċċess għat-tagħlim tul il-ħajja u l-iżvilupp professjonali kontinwu (continuous professional development – CPD) għandu

[1] http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2012:0173:FIN:MT:PDF

rwol importanti sabiex il-ħiliet professjonali jinżammu aġġornati, sabiex tiġi żgurata l-kwalità tal-kura u wkoll bħala mezz għall-motivazzjoni u ż-żamma tal-persunal. Is-sistemi u r-regolamenti tas-CPD ivarjaw b'mod sinifikanti madwar l-UE u d-dejta dwar pajjiżi speċifiċi għadha skarsa. Il-kollaborazzjoni Ewropea fl-iskambju ta' prattika tajba dwar l-approċċi u s-sistemi ta' akkreditazzjoni tas-CPD tgħin sabiex jittejjeb l-għarfien reċiproku bejn l-Istati Membri u sabiex tkun iffaċilitata l-mobilità transkonfinali. Bħala l-ewwel pass, din l-azzjoni għandha tanalizza u tidentifika s-sistemi nazzjonali, il-governanza u l-prattiċi fis-seħħ sabiex jiġi żgurat l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa bil-għan li tiġi promossa prattika tajba. Sejjer jiġi organizzat ukoll workshop konkludenti ma' esperti nazzjonali u organizzazzjonijiet professjonali. Din l-azzjoni hija parti mill-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ħaddiema fil-Qasam tas-Saħħa tal-UE adottat bħala parti mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi*, li għandha l-għan li tagħti spinta lill-impjiegi fis-settur tas-saħħa. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Sejħa għal offerti]

4.2.2.10. Strateġiji effettivi ta' reklutaġġ u żamma tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa

Din l-azzjoni għandha l-għan li tipprovdi analiżi komprensiva tal-istrateġiji għar-reklutaġġ u ż-żamma tal-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa sabiex jiġi assistit u mtejjeb l-iżvilupp ta' politiki dwar ir-riżorsi umani fl-Istati Membri fi żmien ta' nuqqas dejjem akbar ta' xogħol. Hija sejra teżamina l-evidenza u l-prattiċi tajbin fl-UE u fuq livell internazzjonali u tidentifika l-għażliet għal inizjattivi tal-UE li jappoġġjaw l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġiji nazzjonali. Din l-analiżi għandha tikkontribwixxi għall-ħidma li għaddejja fuq l-ippjanar u t-tbassir tal-ħaddiema u tapprofondixxi r-riflessjoni fuq azzjoni futura potenzjali rigward ir-reklutaġġ u ż-żamma tal-ħaddiema. Din l-azzjoni għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ħaddiema fil-Qasam tas-Saħħa tal-UE adottat bħala parti mill-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni *Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi*, li għandha l-għan li tagħti spinta lill-impjiegi fis-settur tas-saħħa. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Kuntratt ta' qafas]

4.2.3. *L-indirizzar ta' fatturi determinanti fil-qasam tas-saħħa għall-promozzjoni u t-titjib tas-saħħa fiżika u mentali; it-teħid ta' azzjoni dwar fatturi ewlenin bħan-nutrizzjoni u l-attività fiżika, u dwar fatturi determinanti relatati ma' vizzji bħat-tabakk u l-alkoħol (il-Punt 2.2.1 fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Programm)*

4.2.3.1. Inizjattiva Ewropea ta' Sorveljanza tal-Obeżità (COSI)

Din l-azzjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' mard relatat mal-piż żejjed u l-obeżità fost iż-żgħażagħ, u b'hekk tgħin sabiex tittejjeb is-saħħa taċ-ċittadini tal-UE u jitnaqqas il-piż tal-problemi tas-saħħa fuq is-sistemi tas-saħħa. Din l-azzjoni tappoġġja l-implimentazzjoni tal-*Istrateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutriment, il-Piż Żejjed u l-Obeżità* stabbilita f'COM(2007) 279 finali tat-30 ta' Mejju 2007 ([1]). L-istħarriġ tal-COSI mwettaq mid-WHO jkejjel il-piż u t-tul ta' tfal ta' bejn is-6 u d-9 snin. Bħalissa dan l-istħarriġ qiegħed ikopri 15-il Stat Membru tal-UE. Din l-azzjoni testendi l-istħarriġ għall-Istati Membri li jifdal. L-estensjoni tal-istħarriġ għandha tgħin sabiex tiġi pprovduta dejta kompleta dwar mard relatat mal-piż żejjed u l-obeżità fost it-tfal u ż-żgħażagħ. Din id-dejta tikkontribwixxi għar-riflessjoni fuq il-politika futura potenzjali u l-azzjoni li tirrigwardja t-tnaqqis tal-piż żejjed u l-obeżità.

[Għotja diretta lid-WHO] Ammont indikattiv: EUR 300 000

4.2.3.2. Komunikazzjoni dwar in-nutrizzjoni u l-attività fiżika

Għarfien adegwat tal-fatturi ta' riskju mill-pubbliku jista' jgħin sabiex jitnaqqas il-piż tal-problemi tas-saħħa minn mard li ma jitteħidx fuq is-sistemi tas-saħħa. Bħala parti mill-implimentazzjoni tal-*Istrateġija għall-Ewropa dwar kwistjonijiet ta' saħħa marbuta man-Nutriment, il-Piż Żejjed u l-Obeżità*, din l-inizjattiva tfittex li tappoġġja l-isforzi tal-Istati Membri biex jimmotivaw l-azzjoni fuq nutrizzjoni b'saħħitha u jinkoraġġixxu l-attività fiżika, u b'hekk tgħin sabiex tittejjeb is-saħħa taċ-ċittadini tal-UE. Din l-azzjoni ser toħloq ukoll sinerġiji ma' inizjattivi ta' komunikazzjoni tad-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali u tad-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni u l-Kultura fir-rigward tal-azzjoni fuq il-promozzjoni tas-saħħa fil-livell tal-UE, bħall-iskema agrikola ta' frott għall-iskejjel u politiki u azzjoni dwar iż-żgħażagħ, l-edukazzjoni, il-kultura u l-isport. Hija ser tfittex ukoll li tikkoordina sa ħames avvenimenti/inizjattivi pilota ta' informazzjoni u edukazzjoni mmirati għat-tfal, għall-ġenituri u għall-komunitajiet lokali. L-inizjattiva ser tinkludi wkoll il-produzzjoni ta' materjal kreattiv multilingwi b'links għal azzjonijiet magħżula tal-UE u tal-Istati Membri. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Sejħa għal offerti]

([1]) http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2007:0279:FIN:MT:PDF

4.2.3.3. Studji dwar it-tabakk

Din l-azzjoni għandha l-għan li tiġbor informazzjoni u għarfien bħala appoġġ għall-politiki tal-UE dwar il-kontroll tat-tabakk b'mod ġenerali, u b'mod partikolari r-regolament dwar il-prodotti tat-tabakk, b'enfasi fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2001 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li jirrelataw mal-manifattura, preżentazzjoni u l-bejgħ ta' prodotti tat-tabakk ([1]), fil-forma attwali jew futura tagħha. Din l-azzjoni għandha tliet pakketti ta' ħidma.

L-ewwel pakkett ta' ħidma jikkonċerna l-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni bil-għan li jiġu analizzati, deskritti u possibbilment iddisinjati l-istandards għal sistema li tiżgura t-traċċabilità sħiħa tal-prodotti tat-tabakk u ta' karatteristiċi tas-sigurtà li jippermettu l-identifikazzjoni ta' prodotti "ġenwini". Ir-riżultati mistennija huma: studju li jkopri r-reviżjoni tal-letteratura; ħarsa ġenerali u evalwazzjoni tas-soluzzjonijiet tekniċi eżistenti għall-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni tal-prodotti tat-tabakk u sabiex jiġu mgħammra b'karatteristiċi tas-sigurtà kontra l-kuntrabandu; l-identifikazzjoni ta' alternattivi potenzjali għal u t-titjib tal-monitoraġġ u l-lokalizzazzjoni u/jew tal-karatteristiċi tas-sigurtà; analiżi tal-ispejjeż u tal-impatt ta' soluzzjonijiet alternattivi; u rakkomandazzjonijiet għall-aktar soluzzjonijiet xierqa fil-livell tal-UE.

It-tieni pakkett ta' ħidma jikkonċerna r-rwol tas-sustanzi addittivi u l-ippakkjar sabiex jiġu ddeterminati l-preferenzi tal-konsumaturi. Filwaqt li huwa magħruf sewwa li l-pakketti, it-togħmiet u addittivi oħrajn jagħmlu l-prodotti tat-tabakk aktar attraenti għaż-żgħażagħ, l-evidenza tar-rwol tal-karatteristiċi/sustanzi addittivi individwali tal-pakketti fil-preferenzi tad-ditti u l-bidu tat-tipjip fost iż-żgħażagħ fl-Ewropa għadha qiegħda tikber. Ir-riżultati mistennija ta' dan il-pakkett ta' ħidma huma: studju aġġornat li jkopri l-identifikazzjoni tal-fatturi varji differenti li jħallu impatt fuq l-attrattività, il-preferenzi tal-konsumaturi u x-xejriet sottostanti u l-irfinar tal-metodi li jistabbilixxu liema togħmiet jagħtu togħma/aroma karatteristika lil prodott.

It-tielet pakkett ta' ħidma jikkonċerna l-iżvilupp ulterjuri tal-istandards tat-tikkettar għal pakketti ta' prodotti tat-tabakk.

In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 3-4.

[Kuntratt ta' qafas]

4.2.3.4. Azzjoni konġunta li tappoġġja lill-Istati Membri sabiex imexxu 'l quddiem ħidma fuq il-prijoritajiet komuni skont l-istrateġija tal-UE dwar l-alkoħol

Din l-azzjoni konġunta għandha l-għan li tappoġġja lill-Istati Membri fil-prevenzjoni tal-konsum perikoluż tal-alkoħol sabiex b'ħekk tittejjeb is-saħħa taċ-ċittadini tal-UE u jitnaqqas il-piż tal-problemi tas-saħħa. Din l-azzjoni għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE dwar l-alkoħol stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2006) 625 finali tal-24 ta' Ottubru 2006 *Strateġija tal-UE li tappoġġja lill-Istati Membri għat-tnaqqis ta' ħsara rrelatata mal-alkoħol* ([2]). Din l-azzjoni tipprovdi inċentiv għall-Istati Membri sabiex jintensifikaw il-kooperazzjoni u jiżviluppaw approċċi komuni. Hija tiffoka fuq it-titjib tal-monitoraġġ tal-vizzji tax-xorb u l-ħsara relatata mal-alkoħol, kif ukoll fuq prattika tajba fl-għoti ta' informazzjoni mmirata biex tħares lit-tfal u liż-żgħażagħ u biex tipprevjeni l-ħsara relatata mal-alkoħol fost l-adulti. Din l-azzjoni għandha tirriżulta f' (a) rapport li jipprovdi dejta komparabbli dwar il-vizzji tax-xorb u l-ħsara relatata mal-alkoħol; (b) linji gwida għall-konsum tal-alkoħol b'riskju baxx maħsuba biex iħarsu lit-tfal u liż-żgħażagħ u biex jipprevjenu l-ħsara fost l-adulti; u (ċ) toolkit ta' prattika tajba ta' strumenti ppubblikati u online għat-tixrid ta' linji gwida dwar ix-xorb b'riskju baxx u għodod oħrajn ta' awtoġestjoni.

[Azzjoni konġunta] Ammont indikattiv: EUR 1 500 000

4.2.3.5. Appoġġ xjentifiku u tekniku għall-Forum tas-Saħħa tal-UE

Din l-azzjoni għandha l-għan li tipprovdi appoġġ xjentifiku u tekniku għall-Forum tas-Saħħa Ewropew. L-involviment attiv tal-partijiet interessati mill-qasam tas-saħħa fl-iżvilupp tal-politika, b'referenza speċifika għall-Forum tas-Saħħa, huwa stabbilit fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2007) 630 finali *Flimkien għas-Saħħa: Approċċ Strateġiku għall-UE 2008-2013*. Din l-azzjoni tkopri l-organizzazzjoni ta' u l-appoġġ għall-attivitajiet tal-Forum dwar il-Politika tas-Saħħa tal-UE u tal-Forum Miftuħ. Dan jinkludi l-komunikazzjoni u n-netwerking ma' membri tal-Forum, l-organizzazzjoni ta' laqgħat u attivitajiet oħrajn tal-Forum dwar il-Politika tas-Saħħa tal-UE u tal-Forum Miftuħ; kif ukoll ħidma xjentifika u teknika relatata mal-prijoritajiet tal-Forum tas-Saħħa tal-UE. Il-ħidma tal-Forum tas-Saħħa tgħin ukoll sabiex tiżgura li l-attivitajiet tal-UE dwar is-saħħa jkunu rilevanti għal u jinftiehmu mix-xena tas-saħħa pubblika b'mod ġenerali. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Kuntratt ta' qafas]

([1]) ĠU L 194, 18.7.2001, p. 26.
([2]) http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/com/2006/com2006_0625en01.pdf

4.2.4. *Il-prevenzjoni ta' mard serju u rari (il-Punt 2.2.2 fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Programm)*

4.2.4.1. L-iżvilupp ta' Gwida Ewropea dwar it-titjib tal-kwalità fil-kontroll komprensiv tal-kanċer

Din l-azzjoni għandha l-għan li tiżviluppa Gwida Ewropea dwar it-titjib tal-kwalità fil-kontroll komprensiv tal-kanċer. Din il-gwida għandha tindirizza aspetti varji tal-kontroll ikkoordinat u integrat tal-kanċer, inklużi l-prevenzjoni, l-iskrining, id-dijanjożi, it-trattament, is-segwitu, il-kura ta' appoġġ, il-kura palljattiva, is-sopravivenza u r-riċerka. Din l-azzjoni għandha tikkontribwixxi sabiex jintlaħqu l-għanijiet tas-Sħubija Ewropea għall-azzjoni kontra l-kanċer stabbilita fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2009) 291 finali tal-24 ta' Ġunju 2009 dwar *Azzjoni Kontra l-Kanċer: Sħubija Ewropea* [1], u sejra tibni kemm fuq il-kisbiet tagħha kif ukoll fuq ir-riżultati tal-azzjoni preċedenti tal-UE dwar il-kanċer, bħall-iżvilupp tar-raba' edizzjoni tal-'Linji Gwida Ewropej għall-garanzija tal-kwalità fl-iskrining u d-dijanjożi tal-kanċer tas-sider' [2], li tinkludi qafas għal servizzi komprensivi relatati mal-kanċer tas-sider.

[Azzjoni konġunta] Ammont indikattiv: EUR 3 000 000

4.2.4.2. Sorveljanza integrata tal-mard li ma jitteħidx

Din l-azzjoni għandha l-għan li tagħti ċ-ċans lill-UE u lid-WHO, bl-involviment tal-OECD, li jivvalutaw u jżidu l-kompletezza u l-puntwalità tad-dejta dwar il-mard kroniku u l-ġabra tagħha u li jidentifikaw proċess effettiv għal din il-ħidma. In-nuqqas ta' dejta tajba, pereżempju dwar il-morbidità minn ċertu mard magħżul, il-fatturi tar-riskju u l-fatturi determinanti soċjali tagħhom, ixekkel l-iżvilupp ta' politika bbażata fuq l-evidenza. Il-mard kroniku qiegħed jiżviluppa bħala qasam ta' prijorità għal azzjoni dwar is-saħħa, filwaqt li l-aċċess f'waqtu għal dejta affidabbli huwa essenzjali. Kwalunkwe ġabra ta' dejta sejra tintrabat mal-indikaturi u l-oqfsa eżistenti, jiġifieri s-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa. Fuq perjodu ta' żmien qasir, din l-azzjoni għandha tidentifika n-nuqqasijiet u tara kif tista' tittejjeb il-ġabra tad-dejta eżistenti. Fuq perjodu ta' żmien twil, hija għandha tgħin sabiex jittejbu u jiġu kkoordinati aħjar il-kwalità, il-kopertura u l-puntwalità tal-ġbir tad-dejta. Dan għandu jikkontribwixxi għal analiżi u rapportaġġ imtejba dwar mard kroniku li ma jitteħidx.

[Għotja diretta lid-WHO] Ammont indikattiv: EUR 100 000

4.2.4.3. Studju dwar l-ambitu tal-applikazzjoni ta' azzjoni ta' komunikazzjoni li tindirizza l-mard kroniku

Din l-azzjoni għandha l-għan li tagħmel studju dwar l-ambitu tal-applikazzjoni li jgħin fl-ittestjar ta' għodod u metodi differenti sabiex ikun hemm komunikazzjoni aħjar u tqajjim ta' kuxjenza dwar il-fatturi determinanti tas-saħħa u l-azzjoni tal-UE għall-prevenzjoni tal-mard kroniku, bl-użu ta' evidenza mix-xjenza soċjali u komportamentali. Il-mard kroniku jirrappreżenta l-akbar piż tal-mard fl-UE, iżda jista' jiġi evitat b'mod effettiv jekk tittieħed azzjoni fuq il-fatturi ta' riskju komuni. Dan l-istudju sejjer jiżviluppa għadd ta' rakkomandazzjonijiet u proposti għal messaġġi bażiċi u sejjer jgħin fit-tfassil ta' kampanji effettivi adattati għal gruppi fil-mira differenti. Din l-azzjoni tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-istrateġija tal-UE dwar il-piż żejjed u l-obeżità, l-istrateġija tal-UE dwar l-alkoħol u l-azzjoni tal-UE dwar it-tabakk. Hija tikkontribwixxi wkoll għall-implimentazzjoni tal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċi innovattivi għal mard kroniku fis-saħħa pubblika u s-sistemi tal-kura tas-saħħa tas-7 ta' Diċembru 2010 u għall-Proċess ta' Riflessjoni dwar Mard Kroniku mniedi mill-Istati Membri u l-Kummissjoni. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Kuntratt ta' qafas]

4.2.4.4. Appoġġ għar-reġistri u n-netwerks ta' mard rari fid-dawl tas-sostenibbiltà tagħhom

Din l-azzjoni għandha l-għan li tistabbilixxi pjattaforma sostenibbli għall-koordinazzjoni u ż-żamma tar-reġistri u n-netwerks dwar mard rari. Ir-reġistri u n-netwerks huma strumenti ewlenin fiż-żieda tal-għarfien dwar mard rari u fl-iżvilupp ta' riċerka klinika. Dawn huma l-uniku mod kif tinġabar id-dejta sabiex jinkiseb kampjun ta' daqs suffiċjenti għar-riċerka epidemjoloġika u/jew għar-riċerka klinika. Din l-azzjoni sejra tibni fuq l-attivitajiet u l-esperjenzi żviluppati permezz ta' inizjattivi ffinanzjati mill-programmi tas-Saħħa tal-UE u mill-programmi tar-Riċerka u l-Innovazzjoni.

[Għotja għal proġett/Ftehim amministrattiv mal-JRC] Ammont indikattiv: EUR 2 000 000

4.2.4.5. Appoġġ għal netwerk ta' informazzjoni dwar il-mesothelioma tal-pulmun

Din l-azzjoni għandha l-għan li tappoġġja l-ħolqien ta' netwerk ta' informazzjoni li jiffoka fuq l-aqwa prattiċi għat-trattament tal-mesothelioma tal-pulmun, li qiegħda ssir marda rari grazzi għall-isforzi li qegħdin isiru b'suċċess fil-prevenzjoni tagħha, kif ukoll it-tixrid ta' tali prattiċi. Il-ġbir tal-għarfien espert mistenni jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-ispejjeż għas-sistemi tas-saħħa individwali. Din l-azzjoni għandha teskludi l-attivitajiet tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji relatati mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol.

[1] http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/LexUriServ.do?uri=COM:2009:0291:FIN:MT:PDF
[2] http://bookshop.europa.eu/is-bin/INTERSHOP.enfinity/WFS/EU-Bookshop-Site/mt_MT/-/EUR/ViewPublication-Start?PublicationKey=ND7306954

[Għotja għal proġett] Ammont indikattiv: EUR 830 900

4.3. **Azzjonijiet taħt it-tielet għan "Il-ġenerazzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni u għarfien dwar is-saħħa"**

4.3.1. *Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa (il-Punt 3.2.1 fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Programm)*

4.3.1.1. It-titjib tal-puntwalità u l-komparabbiltà tad-dejta dwar is-saħħa

Din l-azzjoni sejra titwettaq mill-Eurostat bħala appoġġ għall-ħidma fuq is-sistemi tas-saħħa, it-tixjieħ attiv u b'saħħtu, is-Saħħa elettronika u l-informazzjoni dwar is-saħħa. Hemm żewġ pakketti ta' ħidma. L-ewwel wieħed jinvolvi l-esplorazzjoni tal-fattibilità tal-produzzjoni ta' dejta dwar l-infiq skont il-marda fil-livell tal-UE. L-għan huwa li tinkiseb dejta fil-livell tal-pazjenti b'informazzjoni dwar il-karatteristiċi tat-trattament u tal-pazjenti, l-użu proprju tar-riżorsi u dejta affidabbli dwar il-prezzijiet/l-ispejjeż, inkluża l-provvista ta' dejta tajba dwar l-infiq privat. Dan il-pakkett ta' ħidma għandu jindirizza wkoll il-ġbir ta' dejta dwar l-ispejjeż indiretti, bħar-rabta mas-snin tal-ħajja mitlufa/it-telf ta' snin potenzjali ta' ħidma. Id-dejta dwar l-infiq skont il-marda tista' tikkontribwixxi għal analiżi tal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa permezz tal-provvista ta' dejta dwar kemm jintefqu flus fuq il-prevenzjoni u t-trattament ta' mard partikolari, iddiferenzjati skont l-età u s-sess. L-azzjoni għandha tieħu f'kunsiderazzjoni l-ħtiġijiet dejjem jiżdiedu tal-popolazzjonijiet li qegħdin jixjieħu fl-Ewropa għall-kura tas-saħħa.

It-tieni pakkett ta' ħidma jiffoka fuq l-istatistika dwar il-kawżi tal-mewt. Huwa jfittex li jistabbilixxi sistema modernizzata u integrata għaċ-ċertifikazzjoni, l-ipproċessar u l-iskambju ta' dejta dwar il-kawżi tal-mewt. Iċ-ċertifikazzjoni elettronika tal-kawżi tal-mewt tippermetti wkoll li tiġi prodotta informazzjoni dwar il-kawżi multipli tal-mewt, li hija ta' interess akbar minħabba t-tixjieħ tal-popolazzjoni. L-għan huwa li jiżdiedu l-puntwalità u l-komparabbiltà aħjar tad-dejta. Dan għandu jikkontribwixxi għal allokazzjoni aħjar tar-riżorsi fl-Istati Membri permezz ta' kodifikazzjoni mnaqqsa ta' dejta multipla.

[Sottodelega lill-Eurostat] Ammont indikattiv: EUR 1 000 000

4.3.1.2. Is-Saħħa mal-Ewwel Daqqa t'Għajn - Ewropa 2014

Din l-azzjoni għandha l-għan li tmexxi 'l quddiem il-ħidma fuq l-indikaturi tal-kwalità tal-kura tas-saħħa u li, flimkien mal-OECD, tkompli tippubblika l-edizzjoni ta' 'Is-Saħħa mal-Ewwel Daqqa t'Għajn' sabiex tiġi pprovduta l-aħħar dejta komparabbli dwar aspetti differenti tal-prestazzjoni tas-sistemi tas-saħħa fl-Istati Membri tal-UE, fil-pajjiżi tal-EFTA/taż-ŻEE u fil-pajjiżi kandidati tal-UE. Din l-azzjoni tfittex li tgħin lil dawk li jfasslu l-politika permezz tal-għoti ta' evidenza tajba.

[Għotja diretta lill-OECD] Ammont indikattiv: EUR 300 000

4.3.1.3. It-tariffa ta' sħubija tal-Kummissjoni lill-Osservatorju Ewropew dwar is-Sistemi u l-Politiki tal-Kura tas-Saħħa

Din l-azzjoni timplimenta d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (C(2009)10213 finali) tal-21 ta' Diċembru 2009 dwar l-inkorporazzjoni tagħha bħala Organizzazzjoni Parteċipanti tal-Osservatorju Ewropew dwar is-Sistemi u l-Politiki tal-Kura tas-Saħħa sat-tmiem tal-Programm tas-Saħħa attwali fl-2013. Id-Deċiżjoni tistabbilixxi li t-tariffa ta' sħubija tal-Kummissjoni għandha tkun ta' EUR 500 000 kull sena. L-għan tal-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni fl-Osservatorju huwa li tiġġenera u xxerred informazzjoni ta' kwalità u evidenza azzjonabbli dwar is-sistemi tas-saħħa tal-UE. L-Osservatorju, li huwa repożitorju ta' kompetenza teknika, analiżi indipendenti u pariri rispettati, huwa proġett ta' sħubija tal-Uffiċċju Reġjonali għall-Ewropa tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa, il-gvernijiet tal-Belġju, tal-Finlandja, tal-Irlanda, tan-Norveġja, tas-Slovenja, ta' Spanja u tal-Isvezja, ir-Reġjun tal-Veneto fl-Italja, il-Kummissjoni Ewropea (matul il-perjodu kollu tal-Programm tas-Saħħa, 2009-2013), il-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI), il-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (il-Bank Dinji), l-Unjoni Franċiża tal-Fondi għall-Kura tas-Saħħa (UNCAM), l-Iskola tal-Ekonomija ta' Londra (LSE) u l-Iskola ta' Londra għall-Iġjene u l-Mediċina Tropikali (LSHTM). Il-Kummissjoni sejra tkun imsieħba privileġġata u t-temi ta' interess għaliha ser jiġu inklużi fil-programm ta' ħidma tal-Osservatorju.

[Azzjonijiet oħrajn] Ammont indikattiv: EUR 500 000

4.3.2. *It-tixrid, l-analiżi u l-applikazzjoni ta' informazzjoni dwar is-saħħa; il-provvista ta' informazzjoni liċ-ċittadini, lill-partijiet interessati u lil dawk li jfasslu l-politika (il-Punt 3.2.2 fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Programm)*

4.3.2.1. Bord ta' esperti biex jipprovdu pariri dwar l-effikaċja u l-effettività tas-sistemi tas-saħħa

Din l-azzjoni għandha l-għan li tistabbilixxi bord ta' esperti multisettorjali u indipendenti sabiex jipprovdu pariri, fuq it-talba tal-Kummissjoni, dwar metodi effettivi ta' investiment fis-saħħa skont id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2012/C 198/06) ([1]) tal-5 ta' Lulju 2012. Din l-azzjoni twieġeb għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2011 dwar il-moviment lejn sistemi tas-saħħa moderni, reattivi u sostenibbli. L-Istati Membri u l-Kummissjoni ġew mistiedna jagħtu bidu għal proċess ta' riflessjoni maħsub 'biex jidentifika metodi effettivi ta' investiment fis-saħħa, sabiex jiġu segwiti sistemi tas-saħħa moderni, reattivi u sostenibbli'. Il-Kummissjoni għandha tappoġġja l-proċess permezz ta' miżuri xierqa, bħall-iffaċilitar tal-aċċess għal pariri esperti multisettorjali informali u indipendenti. L-indennizzi jitħallsu lill-membri tal-bord u lill-esperti mistiedna kif previst fid-Deċiżjoni (2012/C 198/06).

([1]) ĠU C 198, 6.7.2012, p. 7

[Azzjonijiet oħrajn] Ammont indikattiv: EUR 500 000

4.3.2.2. Il-komunikazzjoni, il-promozzjoni u t-tixrid ta' informazzjoni dwar il-politiki tas-saħħa tal-UE u r-riżultati tal-programmi tas-Saħħa

Din l-azzjoni għandha l-għan li tipprovdi informazzjoni preċiża u f'waqtha dwar l-attivitajiet tas-saħħa pubblika tal-UE previsti fl-Artikolu 168 tat-TFUE u b'hekk tressaq lill-Ewropa eqreb lejn iċ-ċittadini. Hija għandha l-għan ukoll li xxerred b'mod wiesa' r-riżultati tal-programmi tas-Saħħa kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali. Din l-azzjoni ser tgħin sabiex tinkiseb kopertura wiesgħa għall-attivitajiet tal-politika tas-saħħa tal-UE, u b'hekk tikseb appoġġ għalihom. Hija għandha tikkontribwixxi wkoll sabiex jiġi ottimizzat l-impatt tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-programmi tas-Saħħa u b'hekk tgħin sabiex tkun żgurata s-sostenibbiltà tagħhom.

Il-pakkett ta' ħidma dwar il-komunikazzjoni u l-promozzjoni jikkonsisti minn: (a) l-organizzazzjoni tal-ħames Premju għall-Ġurnalisti tal-UE; (b) it-tixrid tar-riżultati tat-tieni programm tas-Saħħa fil-livell tal-UE; u (3) it-tixrid ta' informazzjoni dwar inizjattivi tal-politika tas-saħħa tal-UE u azzjoni relatata. L-attivitajiet li għandhom jiġu ffinanzjati jinkludu t-tħejjija u t-tixrid ta' materjal awdjoviżiv u pubblikazzjonijiet f'format elettroniku u fuq karta, workshops u laqgħat ta' esperti, kif ukoll stands ta' informazzjoni u materjal ieħor ta' komunikazzjoni u promozzjoni.

Il-pakkett ta' ħidma dwar it-tixrid għandu l-għan li jipprovdi lill-Istati Membri b'għodod u servizzi operattivi għat-tixrid effettiv fl-Istati Membri tar-riżultati tal-azzjonijiet iffinanzjati mill-programmi tas-Saħħa. Dawn jinkludu konferenzi u workshops u mezzi xierqa oħrajn għat-tixrid b'mod effettiv tar-riżultati lil udjenzi differenti. Dan il-pakkett ta' ħidma jwieġeb għar-rakkomandazzjonijiet tal-evalwazzjoni finali ex-post tal-programm tas-Saħħa Pubblika (2003-2007) ([1]) u tal-evalwazzjoni ta' nofs il-perjodu tal-programm tas-Saħħa (2008-2013) ([2]). In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 10 skont kuntratt ta' qafas eżistenti. Barra minn hekk, ser tiġi mnedija wkoll sejħa għal offerti għat-tixrid fil-livell tal-UE.

[Kuntratti ta' qafas]

4.3.2.3. Applikazzjonijiet tat-teknoloġija tal-informazzjoni bħala appoġġ għall-politiki dwar is-saħħa pubblika

L-għan tal-miżuri koperti minn din l-azzjoni huwa l-appoġġ għall-politiki tal-UE dwar is-saħħa pubblika kif stabbilit fl-Artikolu 168 tat-TFUE permezz tat-twaqqif u l-manutenzjoni ta' applikazzjonijiet rilevanti tal-IT. Dawn l-għodod tal-IT jappoġġjaw ukoll l-Istrateġija Ewropa 2020, bħall-promozzjoni ta' tixjieħ attiv u b'saħħtu u tas-Saħħa elettronika, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa u l-iżgurar ta' aċċess aħjar għas-sistemi tal-kura tas-saħħa. Din li ġejja hija lista indikattiva tal-applikazzjonijiet li għandhom jiġu koperti minn din l-azzjoni: il-Portal tas-Saħħa Pubblika; l-Ewrobarometri, it-Tagħlim elettroniku; IDB (Database tal-Korrimenti) u ECHI; MediEQ, EuroMedStat, Euphix, Dejta dwar is-Saħħa; Portal tal-Kriżijiet; EHIS (HEIDI – Is-Saħħa fl-Ewropa: Interfaċċja tal-Informazzjoni u d-Dejta) Wiki; HEDIS (Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Saħħa u ta' Informazzjoni dwar il-Mard) u MedIsys (Sistema ta' Intelliġenza Medika); Ras-BICHAT (skambju ta' informazzjoni dwar is-sistema ta' twissija rapida dwar it-theddid għas-saħħa minħabba r-rilaxx deliberat ta' aġenti kimiċi, bijoloġiċi u radjunukleari), Ras-Chem (sistema ta' twissija rapida għall-iskambju ta' informazzjoni dwar inċidenti li jinkludu aġenti kimiċi); Pjattaformi dwar id-Dieta, l-Alkoħol u s-Saħħa Mentali; Pjattaforma dwar l-Innovazzjoni tas-Saħħa; applikazzjonijiet relatati mad-demm, iċ-ċelloli, it-tessuti u t-tabakk, inklużi SARE u Rapid Alert Blood; Database ta' Esperti; NanoHazard; Spindex, Manif, l-Assessuri tar-Riskji; Scoma; u l-kura tas-saħħa transkonfinali. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 20.

[Kuntratti ta' qafas]

4.3.3. *Analiżi u rapportaġġ (il-Punt 3.2.3 fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Programm)*

4.3.3.1. Rapporti tas-saħħa u analiżi ekonomika

Din l-azzjoni għandha l-għan li tipproduċi informazzjoni, fil-forma ta' rapporti u analiżi ekonomika, li hija meħtieġa fi żmien qasir sabiex tappoġġja l-iżvilupp jew l-implimentazzjoni ta' politiki jew leġiżlazzjoni u l-evalwazzjoni tal-effetti tal-implimentazzjoni tal-politika. Ir-rapporti tas-saħħa fittxew li jipprovdu informazzjoni tajba u strutturata sewwa dwar kwistjonijiet topiċi għaċ-ċittadini tal-UE, il-partijiet interessati u dawk li jfasslu l-politika. L-analiżi ekonomika sejra tipprovdi informazzjoni dwar is-saħħa u fenomeni relatati mas-saħħa li sservi bħala evidenza tajba għat-tfassil tal-politika. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' bejn 1 u 4.

[Kuntratt ta' qafas]

4.3.3.2. Studju dwar l-ekonomija tal-iskemi ta' finanzjament tal-kura tas-saħħa primarja

Din l-azzjoni għandha l-għan li twettaq studju dwar l-ekonomija tal-iskemi ta' finanzjament tal-kura tas-saħħa primarja. Din l-azzjoni twieġeb għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2011 dwar il-moviment lejn sistemi tas-saħħa moderni, reattivi u sostenibbli. L-Istati Membri u l-Kummissjoni ġew mistiedna jaqsmu esperjenzi, l-aqwa prattiċi u għarfien espert sabiex jifhmu u jwieġbu b'mod adegwat għall-ħtiġijiet tas-saħħa dejjem jikbru u jinbidlu tas-soċjetà, partikolarment minħabba popolazzjoni li qiegħda tixjieħ. Huma ġew mistiedna wkoll biex ifasslu investimenti fis-settur tas-saħħa b'mod effettiv u effikaċi, kif ukoll sabiex jikkooperaw fuq il-kejl u l-monitoraġġ tal-effettività ta' dawk l-investimenti. L-istudju jfittex li jidentifika t-tipoloġiji eżistenti f'dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament tal-forniturі individwali tal-kura tas-saħħa primarja, bħal ħlas għas-servizz, ħlas fuq kull ras, persunal b'salarju, sistemi mħalltin, u

([1]) http://ec.europa.eu/health/programme/docs/ex_post_evaluation_en.pdf
([2]) http://ec.europa.eu/health/programme/docs/mthp_final_report_oct2011_en.pdf

f'livelli organizzattivi ogħla, bħal sistemi ta' envelopp ta' somma f'daqqa u korrezzjonijiet ta' taħlita ta' każijiet. Huwa għandu l-għan ukoll li jidentifika lezzjonijiet tal-aqwa prattika u jiddetermina l-profitti potenzjali għall-Istati Membri f'termini ta' eżiti tal-pazjenti u bażits għall-kura tas-saħħa pubblika. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Kuntratt ta' qafas]

4.3.3.3. Studju dwar is-sistemi eżistenti tal-prezzijiet u tat-tariffi fl-Istati Membri għad-definizzjoni ta' kura tas-saħħa bi spejjeż intensivi

Din l-azzjoni għandha l-għan li tgħin fid-definizzjoni ta' kura tas-saħħa bi spejjeż intensivi. Hija tfittex li tidentifika l-kriterji oġġettivi possibbli u probabbli għall-kalkolazzjoni tal-ispejjeż fil-provvista tal-kura tas-saħħa u li tiddetermina kif għandha tiġi definita l-kura tas-saħħa bi spejjeż intensivi abbażi ta' dawn il-kriterji. Hija tfittex ukoll li tara x'inhu l-aħjar mod biex tiddefinixxi kura tas-saħħa 'speċjalizzata ħafna'. Din l-azzjoni għandha tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2011/24/UE dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Kuntratt ta' qafas]

4.3.3.4. Analiżi tat-Tabella tal-Ħajja: valutazzjoni tal-kost-effettività tas-sistema tas-saħħa fl-Istati Membri

Din l-azzjoni tfittex li tipprovdi valutazzjoni tal-kost-effettività tas-sistema tas-saħħa fl-Istati Membri. Hija għandha l-għan li tħoll uħud mill-kumplessitajiet li huma inerenti għall-kejl tal-prestazzjoni tas-sistema tas-saħħa fil-livell tal-popolazzjoni. Din l-azzjoni twieġeb għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tas-6 ta' Ġunju 2011 dwar il-moviment lejn sistemi tas-saħħa moderni, reattivi u sostenibbli, li stiednu lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jikkooperaw fil-kejl u l-monitoraġġ tal-effettività tal-investimenti fil-qasam tas-saħħa. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Sejħa għal offerti]

4.3.3.5. Evalwazzjoni tal-programm tas-Saħħa (2008-2013)

Din l-azzjoni għandha l-għan li tikkonforma mar-rekwiżit tal-Artikolu 13(3)(ċ) tad-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE. Il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni rapport estern u indipendenti ta' evalwazzjoni ex-post li jkopri l-implimentazzjoni u r-riżultati tal-programm. Dan għandu jsir sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2015. Ir-rapport li jirriżulta minn din l-azzjoni għandu jivvaluta l-implimentazzjoni u l-eżiti tal-programm u jipprovdi rakkomandazzjonijiet għall-implimentazzjoni tal-programm fil-ġejjieni. In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 1.

[Kuntratt ta' qafas]

4.3.3.6. Stħarriġ tal-Ewrobarometru dwar is-sigurtà tal-pazjenti u r-reżistenza anti-mikrobika

Din l-azzjoni għandha l-għan li tagħmel żewġ stħarriġiet tal-Ewrobarometru, li wieħed minnhom ikun jiffoka fuq is-sigurtà tal-pazjenti. L-ewwel stħarriġ tal-Ewrobarometru dwar is-sigurtà tal-pazjenti kien sar wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2009 dwar is-sikurezza tal-pazjent, inkluż il-prevenzjoni minn u l-kontroll ta' infezzjonijiet assoċjati mal-kura tas-saħħa (2009/C 151/01) [1]. Dan l-istħarriġ sejjer jidentifika l-iżviluppi f'dak li għandu x'jaqsam mal-perċezzjoni dwar is-sigurtà tal-pazjenti, l-għarfien dwar id-drittijiet fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali u l-esperjenza ta' avvenimenti avversi. L-għan huwa li tiġi pprovduta analiżi tax-xejriet tal-perċezzjonijiet u tal-esperjenzi taċ-ċittadini erba' snin wara l-adozzjoni tar-Rakkomandazzjoni. L-istħarriġ ser jgħin ukoll fil-valutazzjoni tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni.

It-tieni stħarriġ sejjer jiffoka fuq ir-reżistenza antimikrobika (AMR), bħala segwitu għal stħarriġ tal-Ewrobarometru li sar fl-2010. L-istħarriġ sejjer jidentifika l-evoluzzjoni tal-imġiba fir-rigward tal-AMR u l-użu prudenti tal-antimikrobiċi fil-mediċina għall-użu mill-bniedem. Huwa għandu jiġi mniedi fl-aħħar tal-2013 bħala parti mill-implimentazzjoni tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni COM(2011) (748) tal-15 ta' Novembru 2011 *Pjan ta' azzjoni kontra t-theddid li qed jiżdied ta' Reżistenza Antimikrobika* [2].

In-numru indikattiv ta' kuntratti previsti huwa ta' 2.

[Kuntratt ta' qafas]

[1] http://ec.europa.eu/health/patient_safety/docs/council_2009_en.pdf
[2] http://ec.europa.eu/dgs/health_consumer/docs/communication_amr_2011_748_mt.pdf

ANNESS II

Kriterji għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal proġetti taħt it-tieni programm tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008–2013)

Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE, l-Artikolu 4(1)(a)

1. PRINĊIPJI ĠENERALI

1. Ir-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu huma d-dokumenti ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-Programm tas-Saħħa.

2. L-għotjiet għandhom jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin:

— Regola dwar il-kofinanzjament: huwa meħtieġ kofinanzjament estern minn sors differenti mill-fondi tal-UE, jew permezz tar-riżorsi proprji tal-benefiċjarju jew inkella permezz tar-riżorsi finanzjarji tal-partijiet terzi (l-Artikolu 113 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 172 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni),

— Regola ta' non-profitt: l-għotja ma jistax ikollha l-għan jew l-effett li tipproduċi profitt għall-benefiċjarju (l-Artikolu 109(2) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 165 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni),

— Regola ta' non-retroattività: l-infiq eliġibbli għall-finanzjament għandu jsir wara li jiġi ffirmat il-ftehim. F'każijiet eċċezzjonali, jista' jkun aċċettabbli li jiġi kkunsidrat l-infiq li jkun sar mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja, iżda mhux qabel (l-Artikolu 112 tar-Regolament Finanzjarju),

— Regola ta' non-kumulazzjoni: tista' tingħata għotja waħda biss għal proġett speċifiku lil benefiċjarju partikolari (l-Artikolu 111 tar-Regolament Finanzjarju) [1].

3. Il-proposti għall-azzjonijiet jiġu evalwati fuq il-bażi ta' tliet kategoriji ta' kriterji:

— kriterji tal-esklużjoni u l-eliġibbiltà (l-Artikolu 114 tar-Regolament Finanzjarju),

— kriterji tal-għażla, sabiex tiġi vvalutata l-kapaċità finanzjarja u operattiva tal-applikant sabiex iwassal sat-tmiem ta' azzjoni proposta (l-Artikolu 115 tar-Regolament Finanzjarju),

— kriterji tal-għoti, sabiex tiġi vvalutata l-kwalità tal-proposta b'kunsiderazzjoni tal-ispiża tagħha.

Dawn il-kategoriji ta' kriterji għandhom jiġu kkunsidrati b'mod konsekuttiv waqt il-proċedura tal-evalwazzjoni. Proposta li tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti taħt kategorija waħda ma tiġix ikkunsidrata fl-istadju tal-evalwazzjoni ta' wara u konsegwentement tiġi miċħuda.

4. Il-proġetti għandhom:

— ikollhom karattru innovattiv u ma jkunux ta' natura rikorrenti,

— ikunu ta' daqs suffiċjenti sabiex ikunu jistgħu jintlaħqu għanijiet ambizzjużi b'valur miżjud Ewropew għoli u sabiex tiġi implimentata strateġija ta' disseminazzjoni Ewropea effikaċi,

— jipprovdu valur miżjud fuq livell tal-UE fuq is-saħħa: il-proġetti għandhom jipproduċu ekonomiji ta' skala rilevanti, jinvolvu numru xieraq ta' pajjiżi eliġibbli fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-proġett u jkunu applikabbli f'post ieħor,

— jikkontribwixxu għal u jappoġġjaw l-iżvilupp ta' politiki tal-UE fil-qasam tas-saħħa,

— ikollhom struttura ta' ġestjoni effikaċi, proċess ċar ta' evalwazzjoni u deskrizzjoni preċiża tar-riżultati mistennija,

— jinkludu pjan għall-użu u t-tixrid tar-riżultati fuq livell tal-UE lil udjenzi fil-mira xierqa.

2. KRITERJI TAL-ESKLUŻJONI U L-ELIĠIBBILTÀ

1. L-applikanti jiġu eskluži mill-parteċipazzjoni fi proċedura tal-għoti taħt il-Programm tas-Saħħa jekk ikunu jinsabu fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni elenkati fl-Artikoli 93 (1) u 94 tar-Regolament Finanzjarju.

Evidenza: L-applikanti għandhom jipprovdu dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom, iffirmata u datata kif xieraq, fejn jistqarru li huma ma jinsabu fl-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija hawn fuq.

2. Proposti li jinvolvu biss pajjiż jew reġjun ta' pajjiż wieħed eliġibbli jiġu miċħuda.

[1] Dan ifisser li azzjoni speċifika, sottomessa minn applikant wieħed għal għotja, tista' tiġi approvata għal kofinanzjament mill-Kummissjoni darba biss, irrispettivament mit-tul ta' din l-azzjoni.

3. Proposti li jaslu wara l-iskadenza għall-irċevuta, proposti mhux kompluti jew proposti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti formali preskritti fis-sejħa għal proposti ma jiġux ikkunsidrati għall-finanzjament. Dan ma japplikax fil-każ ta' żbalji klerikali ovvji skont it-tifsira tal-Artikolu 178(2) tar-Regoli ta' Implimentazzjoni.

Kull applikazzjoni għandu jkollha d-dokumenti mitluba fis-sejħa għal proposti, inklużi:

— dejta amministrattiva dwar l-imsieħeb ewlieni u l-imsieħba assoċjati,

— deskrizzjoni teknika tal-proġett,

— baġit globali tal-proġett u l-livell mitlub ta' kofinanzjament tal-UE.

Evidenza: Kontenut tal-applikazzjoni.

4. L-azzjonijiet li jkunu diġà bdew sad-data li fiha tiġi rreġistrata l-applikazzjoni għall-għotja jiġu esklużi mill-parteċipazzjoni fil-Programm tas-Saħħa.

Evidenza: Id-data tal-bidu u t-tul ta' żmien skedati għall-azzjoni għandhom jiġu speċifikati fl-applikazzjoni għall-għotja.

3. KRITERJI TAL-GĦAŻLA

Huma biss dawk il-proposti li jissodisfaw il-kriterji tal-esklużjoni u l-eliġibbiltà li jkunu eliġibbli għal evalwazzjoni. Għandhom jintlaħqu l-kriterji tal-għażla li ġejjin:

1. Il-kapaċità finanzjarja

L-applikanti għandu jkollhom sorsi stabbli u suffiċjenti ta' finanzjament sabiex ikunu jistgħu jsostnu l-attività tagħhom matul il-perjodu li fih tkun qiegħda titwettaq l-attività u sabiex jipparteċipaw fil-kofinanzjament tagħha.

Evidenza: L-applikanti għandhom jipprovdu l-kontijiet tal-profitti u tat-telf tagħhom u l-karti tal-bilanċ tal-aħħar sentejn finanzjarji sħaħ.

Il-verifika tal-kapaċità finanzjarja ma tapplikax għall-korpi pubbliċi, għall-organizzazzjonijiet pubbliċi internazzjonali maħluqa minn ftehimiet intergovernattivi jew għall-aġenziji speċjalizzati maħluqa minn dawn tal-aħħar.

2. Il-kapaċità operattiva

L-applikanti għandu jkollhom ir-riżorsi, il-kompetenzi u l-kwalifiki professjonali meħtieġa sabiex iwasslu sat-tmiem l-azzjoni proposta.

Evidenza: L-applikanti għandhom jipprovdu r-rapport l-iżjed riċenti tal-attività annwali tal-organizzazzjoni, inklużi d-dettalji operattivi, finanzjarji u tekniċi u l-*curricula vitae* tal-membri kollha tal-persunal professjonali rilevanti fl-organizzazzjonijiet kollha involuti fl-azzjoni proposta.

3. Dokumenti addizzjonali li għandhom jiġu pprovduti fuq talba tal-Kummissjoni

Jekk jintalbu jagħmlu dan, l-applikanti għandhom jipprovdu rapport ta' verifika esterna magħmul minn awditur approvat, li jiċċertifika l-kontijiet għall-aħħar sena finanzjarja disponibbli u jagħti valutazzjoni tal-vijabbiltà finanzjarja tal-applikant.

4. KRITERJI TAL-GĦOTI

Huma biss dawk il-proġetti li jissodisfaw il-kriterji tal-esklużjoni u l-eliġibbiltà u l-kriterji tal-għażla li jkunu eliġibbli għal aktar evalwazzjoni fuq il-bażi tal-kriterji tal-għoti li ġejjin:

1. Politika u rilevanza kuntestwali (40 punt, livell limitu: 20 punt):

(a) Il-kontribuzzjoni tal-proġett biex jintlaħqu l-għanijiet u l-prijoritajiet definiti fil-pjan ta' ħidma għall-2013 (8 punti);

(b) Ir-rilevanza strateġika fir-rigward tal-Istrateġija għas-Saħħa tal-UE ([1]) u fir-rigward tal-kontribuzzjoni mistennija għall-għarfien u l-implikazzjonijiet eżistenti għas-saħħa (8 punti);

(c) Il-valur miżjud fuq livell tal-UE fil-qasam tas-saħħa pubblika (8 punti):

— impatt fuq il-gruppi fil-mira, effett fit-tul u effett ta' multiplikazzjoni potenzjali, bħal attivitajiet replikabbli, trasferibbli u sostenibbli,

— kontribuzzjoni għall-kumplimentarjetà, is-sinerġija u l-kompatibbiltà ma' politiki u programmi rilevanti tal-UE;

(d) Pertinenza tal-kopertura ġeografika (8 punti):

L-applikanti għandhom jiżguraw li l-kopertura ġeografika tal-proġett tkun proporzjonata mal-għanijiet tiegħu, u tispjega r-rwol tal-pajjiżi eliġibbli bħala msieħba u r-rilevanza tar-riżorsi tal-proġett jew il-popolazzjonijiet destinatarji li jirrappreżentaw;

([1]) COM(2007) 630 finali; http://ec.europa.eu/health/ph_overview/strategy/health_strategy_mt.htm

(e) Kuntest soċjali, kulturali u politiku (8 punti):

L-applikanti għandhom jispjegaw kif il-proġett jirrelata mas-sitwazzjoni tal-pajjiżi jew taż-żoni speċifiċi involuti, billi jiżguraw il-kompatibbiltà tal-azzjonijiet previsti mal-kultura u l-fehmiet tal-gruppi fil-mira.

2. Kwalità teknika (30 punt, livell limitu: 15-il punt)

(a) Bażi tal-evidenza (6 punti):

L-applikanti għandhom jinkludu analiżi tal-problemi u jiddeskrivu b'mod ċar il-fatturi, l-impatt, l-effettività u l-applikabbiltà tal-miżuri proposti;

(b) Speċifikazzjoni tal-kontenut (6 punti):

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar l-għanijiet u l-objettivi, il-gruppi fil-mira, inklużi l-fatturi ġeografiċi rilevanti, il-metodi, l-effetti previsti u r-riżultati;

(c) In-natura innovattiva, il-kumplimentarjetà teknika u l-evitar tad-duplikazzjoni ta' azzjonijiet eżistenti oħrajn fuq livell tal-UE (6 punti):

L-applikanti għandhom jidentifikaw b'mod ċar il-progress li mistenni jirriżulta mill-proġett f'qasam partikolari relatat mal-ogħla livell ta' żvilupp u jiżguraw li ma jkun hemm la dupplikazzjoni inadegwata u lanqas sovrapożizzjoni, la parzjali u lanqas totali, bejn proġetti u attivitajiet li diġà twettqu fuq livell tal-UE u fuq livell internazzjonali;

(d) Strateġija ta' evalwazzjoni (6 punti):

L-applikanti għandhom jispjegaw b'mod ċar il-metodi proposti u l-indikaturi magħżula u l-adegwatezza tagħhom;

(e) Strateġija ta' disseminazzjoni (6 punti):

L-applikanti għandhom juru b'mod ċar l-adegwatezza tal-istrateġija u tal-metodoloġija previsti sabiex jiżguraw it-trasferibbiltà tar-riżultati u s-sostenibbiltà tad-disseminazzjoni.

3. Il-baġit u l-kwalità tal-ġestjoni (30 punt, livell limitu: 15-il punt):

(a) Ippjanar u organizzazzjoni (5 punti):

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar l-attivitajiet li jkunu sejrin iwettqu, l-iskeda taż-żmien u l-avvenimenti importanti, ir-riżultati li għandhom jinkisbu, in-natura u d-distribuzzjoni tal-kompiti, u jipprovdu analiżi tar-riskji;

(b) Il-kapaċità organizzattiva (5 punti):

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar l-istruttura tal-ġestjoni, il-kompetenza tal-persunal, ir-responsabbiltajiet, il-komunikazzjoni interna, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-monitoraġġ u s-sorveljanza;

(c) Il-kwalità tas-sħubija (5 punti):

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar is-sħubiji previsti f'termini ta' estensività, irwoli u responsabbiltajiet, ir-relazzjonijiet bejn l-imsieħba, kif ukoll is-sinerġija u l-kumplimentarjetà tal-imsieħba u l-istruttura tan-netwerk;

(d) Strateġija ta' komunikazzjoni (5 punti):

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar l-istrateġija tal-komunikazzjoni f'termini tal-ippjanar, il-gruppi fil-mira, l-adegwatezza tal-mezzi użati u l-viżibbiltà tal-kofinanzjament tal-UE;

(e) Baġit ġenerali u dettaljat, inkluża ġestjoni finanzjarja (10 punti, livell limitu: 5 punti):

L-applikanti għandhom jiżguraw li l-baġit ikun rilevanti, addattat, ibbilanċjat u konsistenti fih innifsu, bejn l-imsieħba u fir-rigward tal-għanijiet speċifiċi tal-proġett. Il-baġit għandu jiġi distribwit bejn l-imsieħba fuq livell raġonevoli minimu, bl-evitar ta' frammentazzjoni eċċessiva.

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar iċ-ċirkwiti finanzjarji, ir-responsabbiltajiet, il-proċeduri tar-rapportaġġ u l-kontrolli.

Kwalunkwe proposta li ma tilħaqx il-limiti kollha tiġi miċħuda.

Wara l-evalwazzjoni, titħejja lista ta' proposti rakkomandati għal finanzjament, li jiġu kklassifikati skont in-numru totali ta' punti mogħtija. Il-proposti li jkunu l-ogħla fil-klassifika jingħataw kofinanzjament skont id-disponibbiltà tal-baġit.

ANNESS III

Kriterji għal kontribuzzjonijiet finanzjarji għall-funzjonament ta' korp mhux governattiv jew netwerk speċjalizzat (għotjiet operattivi) taħt it-tieni programm tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013)

Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE, l-Artikolu 4(1)(b)

1. PRINĊIPJI ĠENERALI

1. Ir-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu huma d-dokumenti ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-Programm tas-Saħħa.

2. L-għotjiet għandhom jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin:

— Regola dwar il-kofinanzjament: huwa meħtieġ kofinanzjament estern minn sors differenti mill-fondi tal-UE, jew permezz tar-riżorsi proprji tal-benefiċjarju jew inkella permezz tar-riżorsi finanzjarji tal-partijiet terzi (l-Artikolu 113 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 172 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni).

— Regola ta' non-profitt: l-għotja ma jistax ikollha l-għan jew l-effett li tipproduċi profitt għall-benefiċjarju (l-Artikolu 109(2) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 165 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni).

— Regola ta' non-retroattività: l-infiq eliġibbli għall-finanzjament għandu jsir wara li jiġi ffirmat il-ftehim. F'każijiet eċċezzjonali, jista' jkun aċċettabbli li jiġi kkunsidrat l-infiq li jkun sar mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja, iżda mhux qabel (l-Artikolu 112 tar-Regolament Finanzjarju).

— Regola ta' non-kumulazzjoni: tista' tingħata għotja operattiva waħda biss lil benefiċjarju partikolari għal kull sena finanzjarja (l-Artikolu 111 tar-Regolament Finanzjarju) [1].

3. Il-proposti għall-azzjonijiet jiġu evalwati fuq il-bażi ta' tliet kategoriji ta' kriterji:

— kriterji tal-esklużjoni u l-eliġibbiltà (l-Artikolu 114 tar-Regolament Finanzjarju),

— kriterji tal-għażla, sabiex tiġi vvalutata l-kapaċità finanzjarja u operattiva tal-applikant sabiex iwassal sat-tmiem ta' azzjoni proposta (l-Artikolu 115 tar-Regolament Finanzjarju),

— kriterji tal-għoti, sabiex tiġi vvalutata l-kwalità tal-proposta b'kunsiderazzjoni tal-ispiża tagħha.

Dawn il-kategoriji ta' kriterji għandhom jiġu kkunsidrati b'mod konsekuttiv waqt il-proċedura tal-evalwazzjoni. Proposta li tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti taħt kategorija waħda ma tiġix ikkunsidrata fl-istadju tal-evalwazzjoni ta' wara u konsegwentement tiġi miċħuda.

2. KRITERJI TAL-ESKLUŻJONI U L-ELIĠIBBILTÀ

1. Il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mogħtija mill-UE jistgħu jkunu relatati mal-funzjonament ta' korp mhux governattiv jew mal-ispejjeż assoċjati mal-koordinazzjoni ta' netwerk speċjalizzat minn korp mingħajr skop ta' qligħ. Netwerk speċjalizzat huwa netwerk li jirrappreżenta korpi mingħajr skop ta' qligħ attivi fl-Istati Membri jew f'pajjiżi li jipparteċipaw fil-Programm tas-Saħħa u li jippromwovu prinċipji u politiki konsistenti mal-għanijiet tal-programm, li jkollhom rekord ta' xogħol rilevanti ta' kisbiet konġunti (pereżempju; proġetti li jkunu ntemmu b'suċċess u/jew pubblikazzjonijiet konġunti) u regoli stabbiliti ta' kollaborazzjoni (pereżempju; SOPs jew memorandum ta' ftehim). Organizzazzjoni jew netwerk speċjalizzat jistgħu jirċievu finanzjament jekk:

— ikunu mingħajr skop ta' qligħ u indipendenti minn interessi industrijali, kummerċjali u ta' negozju jew minn interessi konfliġġenti oħrajn,

— ikollhom membri f'mill-inqas nofs l-Istati Membri,

— ikollhom kopertura ġeografika bbilanċjata,

— bħala l-iskop primarju tagħhom ikollhom wieħed jew aktar mill-għanijiet tal-Programm tas-Saħħa,

— ma jkollhomx il-mira li jilħqu għanijiet ġenerali li jkunu direttament jew indirettament kontrarji għall-politiki tal-UE jew ma jkollhomx immaġini li tkun ta' ħsara għall-immaġini tal-UE,

— ikunu pprovdew lill-Kummissjoni kontijiet sodisfaċenti tas-sħubija, ir-regoli interni u s-sorsi ta' finanzjament tagħhom,

— ikunu pprovdew lill-Kummissjoni l-programm ta' ħidma annwali tagħhom għas-sena finanzjarja u r-rapport tal-attività annwali l-iżjed riċenti u, jekk ikun disponibbli, ir-rapport ta' evalwazzjoni l-iżjed riċenti,

— ma jkunu fl-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni elenkati fl-Artikoli 93(1) u 94 tar-Regolament Finanzjarju.

L-applikanti li jaħdmu ma' atturi tas-settur privat meqjusa bħala ineliġibbli minħabba n-natura tal-attività tagħhom li ma tkunx konformi mal-prinċipji tal-Unjoni Ewropea kif iddikjarat fl-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat tal-UE jistgħu jiġu kkunsidrati bħala mhux aċċettabbli.

[1] Dan ifisser li l-programm ta' ħidma annwali sottomess minn applikant wieħed għal għotja operattiva jista' jiġi approvat darba biss għal kofinanzjament mill-Kummissjoni.

2. Proposti li jaslu wara l-iskadenza għall-irċevuta, proposti mhux kompluti jew proposti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti formali preskritti fis-sejħa għal proposti ma jiġux ikkunsidrati għall-finanzjament. Dan ma japplikax fil-każ ta' żbalji klerikali ovvji skont it-tifsira tal-Artikolu 178 (2) tar-Regoli ta' Implimentazzjoni.

3. Il-kriterju 'indipendenti minn interessi industrijali, kummerċjali u ta' negozju jew minn interessi konfliġġenti oħrajn' sejjer jiġi vvalutat skont l-Anness VI.

3. KRITERJI TAL-GĦAŻLA

Huma biss dawk il-proposti li jissodisfaw il-kriterji tal-esklużjoni u l-eliġibbiltà li jkunu eliġibbli għal evalwazzjoni.

Il-kriterji tal-għażla jagħmluha possibbli li tiġi vvalutata l-kapaċità finanzjarja u operattiva tal-organizzazzjoni li tkun qiegħda tapplika sabiex twassal sat-tmiem il-programm ta' ħidma propost.

Huma biss dawk l-organizzazzjonijiet li jkollhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex jiżguraw il-funzjonament tagħhom li jistgħu jingħataw għajnuna finanzjarja. Bħala evidenza ta' dan huma għandhom:

— jehmżu kopja tal-kontijiet annwali tal-organizzazzjoni għall-aħħar sena finanzjarja li għaliha jkunu ngħalqu l-kontijiet qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni. Jekk l-applikazzjoni għall-għotja ssir minn organizzazzjoni Ewropea ġdida, l-applikant għandu jipproduċi l-kontijiet annwali (inklużi l-karta tal-bilanċ u d-dikjarazzjoni tal-profitt u t-telf) tal-organizzazzjonijiet membri tal-korp il-ġdid għall-aħħar sena finanzjarja li għaliha jkunu ngħalqu l-kontijiet qabel is-sottomissjoni tal-applikazzjoni,

— jippreżentaw baġit preliminari dettaljat għall-organizzazzjoni, ibbilanċjat f'termini ta' dħul u nfiq,

— jehmżu rapport ta' verifika esterna magħmul minn awditur approvat għal applikazzjonijiet għal għotjiet operattivi ta' iżjed minn EUR 100 000, waqt li jiċċertifikaw il-kontijiet għall-aħħar sena finanzjarja disponibbli u jagħmlu valutazzjoni tal-vijabbiltà finanzjarja tal-organizzazzjoni li tkun qiegħda tapplika.

Huma biss dawk l-organizzazzjonijiet li jkollhom ir-riżorsi operattivi, il-ħiliet u l-esperjenza professjonali meħtieġa li jistgħu jingħataw għajnuna finanzjarja. Għal dan il-għan, għandha tiġi mehmuża l-informazzjoni li ġejja bħala appoġġ għall-applikazzjoni:

— ir-rapport l-iżjed riċenti tal-attivitajiet annwali tal-organizzazzjoni, jew, fil-każ ta' organizzazzjoni li tkun għadha kif ġiet kostitwita, il-*curricula vitae* tal-membri tal-bord tal-ġestjoni u persunal ieħor u r-rapporti tal-attivitajiet annwali tal-organizzazzjonijiet membri tal-korp il-ġdid,

— kwalunkwe referenza konnessa mal-parteċipazzjoni f'azzjonijiet iffinanzjati mill-UE jew applikazzjonijiet għalihom, il-konklużjoni ta' ftehimiet ta' għotja u l-konklużjoni ta' kuntratti mill-baġit tal-UE.

4. KRITERJI TAL-GĦOTI

Huma biss dawk il-proposti li jissodisfaw il-kriterji tal-esklużjoni u l-eliġibbiltà u l-kriterji tal-għażla li jkunu eliġibbli għal evalwazzjoni.

Il-kriterji tal-għoti jagħmluha possibbli li jintgħażlu programmi ta' ħidma li jistgħu jiggarantixxu konformità mal-għanijiet u l-prijoritajiet tal-UE u li jistgħu jiggarantixxu tixrid u komunikazzjoni xierqa, inkluża l-viżibbiltà tal-finanzjament tal-UE.

Għal dan il-għan, il-programm ta' ħidma annwali ppreżentat bil-għan li jinkiseb finanzjament tal-UE għandu jissodisfa l-kriterji li ġejjin:

1. Il-politika u r-rilevanza kuntestwali tal-korp mhux governattiv jew il-programm ta' ħidma annwali tan-netwerk speċjalizzat (25 punt, livell limitu: 13-il punt):

(a) Il-konsistenza tal-programm ta' ħidma annwali mal-Programm tas-Saħħa u l-pjan ta' ħidma annwali tiegħu f'termini li jintlaħqu l-għanijiet u l-prijoritajiet tagħhom (10 punti);

(b) L-attivitajiet tal-organizzazzjoni [1] għandhom jiġu deskritti fir-rigward tal-prijoritajiet imniżżla b'mod dettaljat fil-pjan ta' ħidma għall-2013 tal-Programm tas-Saħħa (10 punti);

(c) Il-pertinenza tal-kopertura ġeografika tal-korp mhux governattiv jew netwerk speċjalizzat. Il-programm ta' ħidma annwali tal-applikant għandu jinkludi attivitajiet b'numru rappreżentattiv ta' pajjiżi parteċipanti (5 punti).

2. Il-kwalità teknika tal-programm ta' ħidma annwali propost (40 punt, livell limitu: 20 punt):

(a) Għan tal-programm ta' ħidma annwali: il-programm ta' ħidma tal-applikant għandu jiddeskrivi b'mod ċar l-għanijiet kollha tal-organizzazzjoni jew in-netwerk speċjalizzat u l-adattabilità tagħhom sabiex jinkisbu r-riżultati mistennija. L-applikanti għandhom juru li l-programm ta' ħidma sottomess jagħti dehra eżatta u ġusta tal-attivitajiet kollha ppjanati għall-organizzazzjoni/netwerk speċjalizzat fl-2013, inklużi dawk l-attivitajiet li ma jaqgħux taħt il-pjan ta' ħidma għall-2013 tal-Programm tas-Saħħa (10 punti);

[1] L-attivitajiet ta' lobbying immirati esklussivament għal istituzzjonijiet tal-UE huma esklużi mill-finanzjament.

(b) Qafas operattiv: il-programm ta' ħidma ta' kull applikant għandu jiddeskrivi b'mod ċar l-attivitajiet ippjanati, il-kompiti, ir-responsabbiltajiet u l-iskedi taż-żmien tal-parti tal-programm ta' ħidma tagħhom li hija konsistenti mal-pjan ta' ħidma għall-2013 tal-Programm tas-Saħħa u jiddeskrivi r-relazzjoni tiegħu ma' partijiet oħrajn tal-attività tagħhom (10 punti);

(c) Strateġija ta' evalwazzjoni: il-programm ta' ħidma ta' kull applikant għandu jiddeskrivi b'mod ċar l-evalwazzjoni interna u esterna tal-attivitajiet tagħhom u l-indikaturi li għandhom jintużaw (10 punti);

(d) Strateġija ta' disseminazzjoni: l-applikanti għandhom juru b'mod ċar l-adegwatezza tal-azzjonijiet u l-metodi għall-komunikazzjoni u d-disseminazzjoni (10 punti).

3. Il-kwalità tal-ġestjoni (35 punti, livell limitu: 18-il punt):

(a) Ippjanar tal-ħidma annwali: l-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar l-attivitajiet li jkunu sejrin iwettqu, l-iskeda taż-żmien u l-avvenimenti importanti, ir-riżultati li għandhom jinkisbu, in-natura u d-distribuzzjoni tal-kompiti, u jipprovdu analiżi tar-riskji (10 punti);

(b) Kapaċità organizzattiva: l-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar il-proċess tal-ġestjoni, ir-riżorsi umani u l-kompetenzi tal-persunal, ir-responsabbiltajiet, il-komunikazzjoni interna, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-monitoraġġ u s-sorveljanza. L-applikanti għandhom jispeċifikaw ukoll b'mod ċar ir-relazzjonijiet tax-xogħol mal-imsieħba u l-partijiet interessati rilevanti (10 punti);

(c) Baġit ġenerali u dettaljat: l-applikanti għandhom jiżguraw li l-baġit ikun rilevanti, addattat, ibbilanċjat u konsistenti fih innifsu u għall-attivitajiet ippjanati (10 punti);

(d) Ġestjoni finanzjarja: l-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar iċ-ċirkwiti finanzjarji, ir-responsabbiltajiet, il-proċeduri tar-rapportaġġ u, fejn ikun possibbli, il-kontrolli (5 punti).

Kwalunkwe proposta li ma tilħaqx il-limiti kollha tiġi miċħuda.

Wara l-evalwazzjoni, titħejja lista ta' proposti rakkomandati għal finanzjament, li jiġu kklassifikati skont in-numru totali ta' punti mogħtija. Il-proposti li jkunu l-ogħla fil-klassifika jingħataw kofinanzjament skont id-disponibbiltà tal-baġit.

ANNESS IV

Kriterji għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal azzjonijiet konġunti taħt it-tieni programm tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013)

Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE, l-Artikolu 4(3)

1. PRINĊIPJI ĠENERALI

1. Ir-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu huma d-dokumenti ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-Programm tas-Saħħa.

2. L-għotjiet għandhom jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin:

— Regola dwar il-kofinanzjament: huwa meħtieġ kofinanzjament estern minn sors differenti mill-fondi tal-UE, jew permezz tar-riżorsi proprji tal-benefiċjarju jew inkella permezz tar-riżorsi finanzjarji tal-partijiet terzi (l-Artikolu 113 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 172 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni).

— Regola ta' non-profitt: l-għotja ma jistax ikollha l-għan jew l-effett li tipproduċi profitt għall-benefiċjarju (l-Artikolu 109(2) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 165 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni).

— Regola ta' non-retroattività: l-infiq eliġibbli għall-finanzjament għandu jsir wara li jiġi ffirmat il-ftehim. F'każijiet eċċezzjonali, jista' jkun aċċettabbli li jiġi kkunsidrat l-infiq li jkun sar mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja, iżda mhux qabel (l-Artikolu 112 tar-Regolament Finanzjarju).

— Regola ta' non-kumulazzjoni: tista' tingħata għotja waħda biss għal azzjoni konġunta speċifika lil benefiċjarju partikolari (l-Artikolu 111 tar-Regolament Finanzjarju) [1].

3. Il-proposti għall-azzjonijiet jiġu evalwati fuq il-bażi ta' tliet kategoriji ta' kriterji:

— kriterji tal-esklużjoni u l-eliġibbiltà (l-Artikolu 114 tar-Regolament Finanzjarju),

— kriterji tal-għażla, sabiex tiġi vvalutata l-kapaċità finanzjarja u operattiva tal-applikant sabiex iwassal sat-tmiem ta' azzjoni proposta (l-Artikolu 115 tar-Regolament Finanzjarju),

— kriterji tal-għoti, sabiex tiġi vvalutata l-kwalità tal-proposta b'kunsiderazzjoni tal-ispiża tagħha.

Dawn il-kategoriji ta' kriterji għandhom jiġu kkunsidrati b'mod konsekuttiv waqt il-proċedura tal-evalwazzjoni. Proposta li tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti taħt kategorija waħda ma tiġix ikkunsidrata fl-istadju tal-evalwazzjoni ta' wara u konsegwentement tiġi miċħuda.

2. KRITERJI TAL-ESKLUŻJONI U L-ELIĠIBBILTÀ

1. L-azzjonijiet konġunti jistgħu jiġu implimentati ma' korpi pubbliċi jew korpi mhux governattivi:

— li huma mingħajr skop ta' qligħ u indipendenti minn interessi industrijali, kummerċjali u ta' negozju jew minn interessi konfliġġenti oħrajn,

— li, bħala l-iskop primarju tagħhom, ikollhom wieħed jew aktar mill-għanijiet tal-Programm tas-Saħħa,

— li ma jkollhomx il-mira li jilħqu għanijiet ġenerali li jkunu direttament jew indirettament kontrarji għall-politiki jew għall-valuri tal-UE kif stabbilit fit-Trattati,

— li jkunu pprovdew lill-Kummissjoni kontijiet sodisfaċenti tal-isħubija, ir-regoli interni u s-sorsi ta' finanzjament tagħhom,

— li jiġu nnominati permezz ta' proċedura trasparenti mill-Istat Membru jew l-awtorità kompetenti kkonċernata u li tkun qablet magħha l-Kummissjoni,

— li ma jkunu fl-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni elenkati fl-Artikoli 93(1) u 94 tar-Regolament Finanzjarju.

[1] Dan ifisser li azzjoni speċifika, sottomessa minn applikant wieħed għal għotja, tista' tiġi approvata darba biss għal kofinanzjament mill-Kummissjoni, irrispettivament mit-tul ta' din l-azzjoni.

L-applikanti li jaħdmu ma' atturi tas-settur privat meqjusa bħala ineliġibbli minħabba n-natura tal-attività tagħhom li ma tkunx konformi mal-prinċipji tal-Unjoni Ewropea kif iddikjarat fl-Artikoli 2 u 3 tat-Trattat tal-UE jistgħu jiġu kkunsidrati bħala mhux aċċettabbli.

2. Proposti li jaslu wara l-iskadenza għall-irċevuta, proposti mhux kompluti jew proposti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti formali preskritti fis-sejħa għal proposti ma jiġux ikkunsidrati għall-finanzjament. Dan ma japplikax fil-każ ta' żbalji klerikali ovvji skont it-tifsira tal-Artikolu 178 (2) tar-Regoli ta' Implimentazzjoni.

3. Il-kriterju 'indipendenti minn interessi industrijali, kummerċjali u ta' negozju jew minn interessi konfliġġenti oħrajn' sejjer jiġi vvalutat skont l-Anness VI.

3. KRITERJI TAL-GĦAŻLA

Huma biss dawk il-proposti li jissodisfaw il-kriterji tal-esklużjoni u l-eliġibbiltà li jkunu eliġibbli għal evalwazzjoni.

Il-kriterji tal-għażla jagħmluha possibbli li tiġi vvalutata l-kapaċità finanzjarja u operattiva tal-applikant sabiex iwassal sat-tmiem l-azzjoni proposta.

L-applikanti għandu jkollhom ir-riżorsi professjonali, il-kompetenzi u l-kwalifiki meħtieġa sabiex jikkompletaw l-azzjoni proposta.

L-applikanti għandu jkollhom riżorsi finanzjarji adegwati sabiex isostnu l-attività tagħhom matul il-perjodu li fih tkun qiegħda titwettaq l-attività u sabiex jipparteċipaw fil-kofinanzjament tagħha.

Kull applikant għandu jipprovdi:

— stima baġitarja ċara, eżawrjenti u dettaljata tajjeb tal-ispejjeż b'konnessjoni mal-attivitajiet korrispondenti mwettqa minn kull korp li jkun qed jieħu sehem fl-azzjoni konġunta,

— kopja tal-kontijiet annwali għall-aħħar sena finanzjarja li għaliha l-kontijiet ikunu ngħalqu qabel is-sottomissjoni ta' applikazzjoni (għall-korpi mingħajr skop ta' qligħ minbarra l-korpi pubbliċi).

4. KRITERJI TAL-GĦOTI

Huma biss dawk l-azzjonijiet konġunti li jissodisfaw il-kriterji tal-esklużjoni u l-eliġibbiltà u l-kriterji tal-għażla li jkunu eliġibbli għal aktar evalwazzjoni fuq il-bażi tal-kriterji tal-għoti li ġejjin:

1. Politika u rilevanza kuntestwali (40 punt, livell limitu: 20 punt):

(a) Il-kontribuzzjoni tal-azzjoni konġunta sabiex jintlaħqu l-għanijiet u l-prijoritajiet definiti fil-pjan ta' ħidma għall-2013 (8 punti);

(b) Ir-rilevanza strateġika fir-rigward tal-Istrateġija għas-Saħħa tal-UE ([1]) u fir-rigward tal-kontribuzzjoni mistennija għall-għarfien u l-implikazzjonijiet eżistenti għas-saħħa (8 punti);

(c) Il-valur miżjud fuq livell tal-UE fil-qasam tas-saħħa pubblika (8 punti):

— impatt fuq il-gruppi fil-mira, effett fit-tul u effett ta' multiplikazzjoni potenzjali, bħal attivitajiet replikabbli, trasferibbli u sostenibbli,

— kontribuzzjoni għall-kumplimentarjetà, is-sinerġija u l-kompatibbiltà ma' politiki tal-UE rilevanti u programmi oħrajn;

(d) Pertinenza tal-kopertura ġeografika (8 punti):

L-applikanti għandhom jiżguraw li l-kopertura ġeografika tal-azzjoni konġunta tkun addattata fir-rigward tal-għanijiet tagħha, u jispjegaw ir-rwol tal-pajjiżi eliġibbli bħala msieħba u r-rilevanza tar-riżorsi tal-azzjoni konġunta jew il-popolazzjonijiet destinatarji li jirrappreżentaw. Proposti li jinvolvu biss pajjiż jew reġjun ta' pajjiż wieħed eliġibbli jiġu miċħuda;

(e) Kuntest soċjali, kulturali u politiku (8 punti):

L-applikanti għandhom jispjegaw kif l-azzjoni konġunta tirrelata mas-sitwazzjoni tal-pajjiżi jew taż-żoni speċifiċi involuti, billi jiżguraw il-kompatibbiltà tal-attivitajiet previsti mal-kultura u l-fehmiet tal-gruppi fil-mira.

2. Kwalità teknika (30 punt, livell limitu: 15-il punt):

(a) Bażi tal-evidenza (6 punti):

([1]) COM(2007) 630 finali; http://ec.europa.eu/health/ph_overview/strategy/health_strategy_mt.htm

L-applikanti għandhom jinkludu analiżi tal-problemi u jiddeskrivu b'mod ċar il-fatturi, l-impatt, l-effettività u l-applikabbiltà tal-miżuri proposti;

(b) Speċifikazzjoni tal-kontenut (6 punti)

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar l-għanijiet u l-objettivi, il-gruppi fil-mira, inklużi l-fatturi ġeografiċi rilevanti, il-metodi, l-effetti previsti u r-riżultati;

(c) In-natura innovattiva, il-kumplimentarjetà teknika u l-evitar tad-duplikazzjoni ta' azzjonijiet eżistenti oħrajn fuq livell tal-UE (6 punti):

L-applikanti għandhom jidentifikaw b'mod ċar il-progress li mistenni jirriżulta mill-azzjoni konġunta f'qasam partikolari relatat mal-ogħla livell ta' żvilupp u jiżguraw li ma jkun hemm la dupplikazzjoni inadegwata u lanqas sovrapożizzjoni, la parzjali u lanqas totali, bejn proġetti u attivitajiet li diġà twettqu fuq livell tal-UE u fuq livell internazzjonali;

(d) Strateġija ta' evalwazzjoni (6 punti):

L-applikanti għandhom jispjegaw b'mod ċar il-metodi proposti u l-indikaturi magħżula u l-adegwatezza tagħhom;

(e) Strateġija ta' disseminazzjoni (6 punti):

L-applikanti għandhom juru b'mod ċar l-adegwatezza tal-istrateġija u tal-metodoloġija previsti sabiex jiżguraw it-trasferibbiltà tar-riżultati u s-sostenibbiltà tad-disseminazzjoni.

3. Il-baġit u l-kwalità tal-ġestjoni (30 punt, livell limitu: 15-il punt):

(a) Ippjanar u organizzazzjoni (5 punti):

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar l-attivitajiet li jkunu sejrin iwettqu, l-iskeda taż-żmien u l-avvenimenti importanti, ir-riżultati li għandhom jinkisbu, in-natura u d-distribuzzjoni tal-kompiti, u jipprovdu analiżi tar-riskji;

(b) Il-kapaċità organizzattiva (5 punti):

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar l-istruttura tal-ġestjoni, il-kompetenza tal-persunal, ir-responsabbiltajiet, il-komunikazzjoni interna, it-teħid tad-deċiżjonijiet u l-monitoraġġ u s-sorveljanza;

(c) Il-kwalità tas-sħubija (5 punti):

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar is-sħubiji previsti f'termini ta' estensività, irwoli u responsabbiltajiet, ir-relazzjonijiet bejn l-imsieħba, kif ukoll is-sinerġija u l-kumplimentarjetà tal-imsieħba u l-istruttura tan-netwerk;

(d) Strateġija ta' komunikazzjoni (5 punti):

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar l-istrateġija tal-komunikazzjoni f'termini tal-ippjanar, il-gruppi fil-mira, l-adegwatezza tal-mezzi użati u l-viżibbiltà tal-kofinanzjament tal-UE;

(e) Baġit ġenerali u dettaljat, inkluża ġestjoni finanzjarja (10 punti, livell limitu: 5 punti):

L-applikanti għandhom jiżguraw li l-baġit ikun rilevanti, addattat, ibbilanċjat u konsistenti fih innifsu, bejn l-imsieħba u fir-rigward tal-għanijiet speċifiċi tal-azzjoni konġunta. Il-baġit għandu jiġi distribwit bejn l-imsieħba fuq livell raġonevoli minimu, bl-evitar ta' frammentazzjoni eċċessiva.

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar iċ-ċirkwiti finanzjarji, ir-responsabbiltajiet, il-proċeduri tar-rapportaġġ u l-kontrolli.

Kwalunkwe proposta li ma tilħaqx il-limiti kollha tiġi miċħuda.

Wara l-evalwazzjoni, titħejja lista ta' proposti rakkomandati għal finanzjament, li jiġu kklassifikati skont in-numru totali ta' punti mogħtija.

ANNESS V

Kriterji għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji għal konferenzi taħt it-tieni programm tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008–2013)

Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE, l-Artikolu 4(1)(a)

1. PRINĊIPJI ĠENERALI

1. Ir-Regolament Finanzjarju u r-Regoli ta' Implimentazzjoni tiegħu huma d-dokumenti ta' referenza għall-implimentazzjoni tal-Programm tas-Saħħa.

2. L-għotjiet għandhom jikkonformaw mal-prinċipji li ġejjin:

— Regola dwar il-kofinanzjament: huwa meħtieġ kofinanzjament estern minn sors differenti mill-fondi tal-UE, jew permezz tar-riżorsi proprji tal-benefiċjarju jew inkella permezz tar-riżorsi finanzjarji tal-partijiet terzi (l-Artikolu 113 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 172 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni).

— Regola ta' non-profitt: l-għotja ma jistax ikollha l-għan jew l-effett li tipproduċi profitt għall-benefiċjarju (l-Artikolu 109(2) tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 165 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni).

— Regola ta' non-retroattività: l-infiq eliġibbli għall-finanzjament għandu jsir wara li jiġi ffirmat il-ftehim. F'każijiet eċċezzjonali, jista' jkun aċċettabbli li jiġi kkunsidrat l-infiq li jkun sar mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni għall-għotja, iżda mhux qabel (l-Artikolu 112 tar-Regolament Finanzjarju).

— Regola ta' non-kumulazzjoni: tista' tingħata għotja waħda biss għal konferenza speċifika lil benefiċjarju partikolari (l-Artikolu 111 tar-Regolament Finanzjarju) [1].

3. Il-proposti għall-azzjonijiet jiġu evalwati fuq il-bażi ta' tliet kategoriji ta' kriterji:

— kriterji tal-esklużjoni u l-eliġibbiltà (l-Artikolu 114 tar-Regolament Finanzjarju),

— kriterji tal-għażla, sabiex tiġi vvalutata l-kapaċità finanzjarja u operattiva tal-applikant sabiex iwassal sat-tmiem ta' azzjoni proposta (l-Artikolu 115 tar-Regolament Finanzjarju),

— kriterji tal-għoti, sabiex tiġi vvalutata l-kwalità tal-proposta b'kunsiderazzjoni tal-ispiża tagħha.

Dawn il-kategoriji ta' kriterji għandhom jiġu kkunsidrati b'mod konsekuttiv waqt il-proċedura tal-evalwazzjoni. Proposta li tonqos milli tissodisfa r-rekwiżiti taħt kategorija waħda ma tiġix ikkunsidrata fl-istadju tal-evalwazzjoni ta' wara u konsegwentement tiġi miċħuda.

2. KRITERJI TAL-ESKLUŻJONI U L-ELIĠIBBILTÀ

1. L-applikanti jiġu eskluż mill-parteċipazzjoni fi proċedura ta' għotja taħt il-Programm tas-Saħħa jekk huma jkunu fi kwalunkwe waħda mis-sitwazzjonijiet ta' esklużjoni elenkati fl-Artikoli 93 (1) u 94 tar-Regolament Finanzjarju.

Evidenza: L-applikanti għandhom jipprovdu dikjarazzjoni fuq l-unur tagħhom, iffirmata u datata kif xieraq, fejn jistqarru li huma ma jinsabu fl-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet imsemmija hawn fuq.

2. Proposti li jaslu wara l-iskadenza għall-irċevuta, proposti mhux kompluti jew proposti li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti formali preskritti fis-sejħa għal proposti ma jiġux ikkunsidrati għall-finanzjament. Dan ma japplikax fil-każ ta' żbalji klerikali ovvji skont it-tifsira tal-Artikolu 178 (2) tar-Regoli ta' Implimentazzjoni.

3. Kull applikazzjoni għandu jkollha d-dokumenti mitluba fis-sejħa għal proposti, inklużi:

— dejta amministrattiva dwar l-imsieħeb ewlieni,

— deskrizzjoni teknika tal-konferenza,

— baġit globali tal-proġett u l-livell mitlub ta' kofinanzjament tal-UE.

Evidenza: Kontenut tal-applikazzjoni.

[1] Dan ifisser li azzjoni speċifika, sottomessa minn applikant wieħed għal għotja, tista' tiġi approvata darba biss għal kofinanzjament mill-Kummissjoni, irrispettivament mit-tul ta' din l-azzjoni.

4. L-azzjonijiet li jkunu diġà bdew sad-data li fiha tiġi rreġistrata l-applikazzjoni għall-għotja jiġu esklużi mill-parteċipazzjoni fil-Programm tas-Saħħa. It-tul ta' żmien tal-azzjoni ma għandux jaqbeż it-12-il xahar.

Evidenza: Id-data tal-bidu u t-tul ta' żmien skedati tal-azzjoni għandhom jiġu speċifikati fl-applikazzjoni għall-għotja.

3. KRITERJI TAL-GĦAŻLA

Huma biss dawk il-proposti li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-kriterji tal-esklużjoni u l-eliġibbiltà li jkunu eliġibbli għal evalwazzjoni. Għandhom jintlaħqu l-kriterji tal-għażla li ġejjin:

1. Il-kapaċità finanzjarja

L-applikanti għandu jkollhom sorsi stabbli u suffiċjenti ta' finanzjament sabiex ikunu jistgħu jsostnu l-attività tagħhom matul il-perjodu li fih tkun qiegħda titwettaq l-attività u sabiex jipparteċipaw fil-kofinanzjament tagħha.

Evidenza: L-applikanti għandhom jipprovdu l-kontijiet tal-profitti u tat-telf tagħhom u l-karti tal-bilanċ tal-aħħar sentejn finanzjarji sħaħ.

Il-verifika tal-kapaċità finanzjarja ma tapplikax għall-korpi pubbliċi, għall-organizzazzjonijiet pubbliċi internazzjonali maħluqa minn ftehimiet intergovernattivi jew għall-aġenziji speċjalizzati maħluqa minn dawn tal-aħħar.

2. Il-kapaċità operattiva

L-applikanti għandu jkollhom ir-riżorsi, il-kompetenzi u l-kwalifiki professjonali meħtieġa sabiex iwasslu sat-tmiem l-azzjoni proposta.

Evidenza: L-applikanti għandhom jipprovdu r-rapport l-iżjed riċenti tal-attività annwali tal-organizzazzjoni, inklużi d-dettalji operattivi, finanzjarji u tekniċi u l-*curricula vitae* tal-membri kollha tal-persunal professjonali rilevanti fl-organizzazzjonijiet kollha involuti fl-azzjoni proposta.

3. Dokumenti addizzjonali li għandhom jiġu pprovduti fuq talba tal-Kummissjoni

Jekk jintalbu jagħmlu dan, l-applikanti għandhom jipprovdu rapport ta' verifika esterna magħmul minn awditur approvat, li jiċċertifika l-kontijiet għall-aħħar sena finanzjarja disponibbli u jagħti valutazzjoni tal-vijabbiltà finanzjarja tal-applikant.

4. KRITERJI TAL-GĦOTI

1. Kontenut tal-proposta (60 punt, livell limitu: 30 punt):

(a) Ir-rilevanza tal-kontenut u r-riżultati mistennija tal-avveniment b'konnessjoni mal-għanijiet u l-prijoritajiet deskritti fil-pjan ta' ħidma għall-2013 (15-il punt);

(b) Parteċipazzjoni (15-il punt):

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar in-numru mistenni u l-profil/funzjoni tal-parteċipanti destinatarji fl-avveniment, billi jagħmlu referenza għad-distribuzzjoni mill-Istat Membru, l-organizzazzjoni u t-tip ta' kompetenza;

(c) Dimensjoni Ewropea (15-il punt):

Il-konferenzi għandu jkollhom dimensjoni wiesgħa fuq livell tal-Unjoni Ewropea, b'parteċipanti minn 10 pajjiżi jew aktar li jkunu qegħdin jipparteċipaw fil-Programm tas-Saħħa;

(d) Metodoloġija tas-segwitu u l-evalwazzjoni (15-il punt):

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar l-istrateġija tad-disseminazzjoni. Għandha tiġi prrovduta evalwazzjoni adegwata bbażata fuq pjan ta' evalwazzjoni b'disinn, metodu, responsabbiltajiet u ħinijiet korrispondenti bl-użu ta' indikaturi.

2. Kwalità tal-ġestjoni (40 punt, livell limitu: 20 punt):

(a) Ippjanar tal-avveniment (15-il punt):

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar il-metodoloġija, l-għodod, l-iskeda taż-żmien u l-avvenimenti ewlenin, ir-riżultati li għandhom jintlaħqu, in-natura u d-distribuzzjoni tal-kompiti u ċ-ċirkwiti finanzjarji, u jipprovdu analiżi tar-riskji;

(b) Kapaċità organizzattiva (10 punti):

L-applikanti għandhom jiddeskrivu b'mod ċar l-istruttura tal-ġestjoni, il-kompetenza tal-persunal, ir-responsabbiltajiet, it-teħid ta' deċiżjonijiet, il-monitoraġġ u s-sorveljanza;

(c) Baġit ġenerali u dettaljat (15-il punt):

L-applikanti għandhom jiżguraw li l-baġit ikun rilevanti, addattat, ibbilanċjat u konsistenti fih innifsu u fir-rigward tal-għan(ijiet) tal-konferenza.

Kwalunkwe proposta li ma tilħaqx il-limiti kollha tiġi miċħuda.

Wara l-evalwazzjoni, titħejja lista ta' proposti rakkomandati għal finanzjament, li jiġu kklassifikati skont in-numru totali ta' punti mogħtija. Il-proposti li jkunu l-ogħla fil-klassifika jingħataw kofinanzjament skont id-disponibbiltà tal-baġit.

ANNESS VI

Kriterji għall-indipendenza minn interessi industrijali, kummerċjali u tan-negozju jew minn interessi konfliġġenti oħrajn applikabbli għal għotjiet operattivi u għotjiet għal azzjonijiet konġunti taħt it-tieni programm tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013)

Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE, l-Artikolu 4(1) (b) u l-Artikolu (3)

Interess konfliġġenti jseħħ meta individwu jew organizzazzjoni jkollhom interessi multipli, li wieħed minnhom possibbilment ikun jista' jikkorrompi l-motivazzjoni għal aġir fl-ieħor.

Il-kriterju "indipendenti minn interessi industrijali, kummerċjali u ta" negozju jew minn interessi konfliġġenti oħrajn' jirreferi għal tliet rekwiżiti li għandhom jintlaħqu kollha mill-organizzazzjoni applikanti:

1. INDIPENDENZA LEGALI

Sabiex tkun eliġibbli għal finanzjament, NGO għandha tkun indipendenti minn entitajiet oħrajn li jirrappreżentaw l-industrija, il-kummerċ u n-negozju jew interessi konfliġġenti oħrajn.

Żewġ entitajiet legali għandhom jiġu kkunsidrati bħala indipendenti minn xulxin meta l-ebda waħda minnhom ma tkun taħt il-kontroll dirett jew indirett tal-oħra jew taħt l-istess kontroll dirett jew indirett ta' parti terza bħall-oħra.

B'mod partikolari, il-kontroll jista' jieħu waħda mill-forom li ġejjin:

(a) iż-żamma diretta jew indiretta ta' iżjed minn 50 % tal-valur nominali tal-kapital azzjonarju maħruġ fl-entità legali kkonċernata, jew ta' maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-assoċjati ta' dik l-entità;

(b) iż-żamma diretta jew indiretta ta' setgħat tat-teħid ta' deċiżjonijiet, bil-fatt jew skont il-liġi, fl-entità legali kkonċernata.

Madankollu, ir-relazzjonijiet li ġejjin bejn entitajiet legali fihom infushom ma għandhomx jitqiesu bħala li jikkostitwixxu relazzjonijiet ta' kontroll:

(c) iż-żamma diretta jew indiretta ta' iżjed minn 50 % tal-valur nominali tal-kapital azzjonarju maħruġ tal-organizzazzjoni applikanti jew maġġoranza tad-drittijiet tal-vot tal-azzjonisti jew tal-assoċjati tal-entitajiet legali tkun miżmuma mill-istess korp pubbliku;

(d) l-entitajiet legali kkonċernati jkunu l-proprjetà jew ikunu ssorveljati mill-istess korp pubbliku.

2. INDIPENDENZA FINANZJARJA

Sabiex jiġu kkunsidrati bħala indipendenti, l-organizzazzjonijiet applikanti għandhom jikkommettu ruħhom b'mod unilaterali li ma jirċevux aktar minn 20 % tal-finanzjament ewlieni tagħhom minn organizzazzjonijiet tas-settur privat [1] li jirrappreżentaw interess konfliġġenti, jew minn sorsi oħrajn li jirrappreżentaw interess konfliġġenti matul is-snin finanzjarji koperti mill-għotja.

Il-finanzjament ewlieni għandu jfisser il-finanzjament meħtieġ għall-istruttura bażika ta' organizzazzjoni, inklużi s-salarji tal-persunal full-time, il-faċilitajiet, it-tagħmir, il-komunikazzjonijiet u l-ispejjeż diretti tal-ħidma ta' kuljum. Il-finanzjament ewlieni jinkludi wkoll il-finanzjament tal-attivitajiet kollha permanenti jew li jiġu ripetuti b'mod regolari. Ir-rekwiżiti tal-finanzjament ewlieni ħafna drabi jiġu bbaġitjati b'mod separat minn spejjeż oħrajn bħal azzjonijiet jew proġetti speċifiċi.

3. TRASPARENZA TAL-ATTIVITAJIET U L-FINANZJAMENT TAL-APPLIKANT

L-attivitajiet kollha għandhom jiġu ppubblikati fir-rapport annwali tal-applikant [2].

L-informazzjoni kollha dwar il-finanzjament għandha ssir disponibbli lill-pubbliku permezz tal-websajt tal-applikant, maqsuma skont it-tip (il-finanzjament ewlieni u tal-proġett, il-kontribuzzjoni in natura) u skont l-entità tal-finanzjament.

Id-dikjarazzjonijiet eżistenti dwar il-pożizzjoni tal-applikanti fir-rigward tar-rekwiżit fuq it-trasparenza għandhom ikunu disponibbli għall-pubbliku.

4. VALUTAZZJONI TAL-INDIPENDENZA

L-indipendenza u t-trasparenza legali jiġu vvalutati fuq bażi tal-aktar informazzjoni riċenti disponibbli pprovduta mill-applikant flimkien mal-applikazzjoni. L-indipendenza finanzjarja għandha tiġi vvalutata fuq il-bażi tal-informazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja li għaliha tingħata l-għotja fil-ħin tar-rapport finali. Din l-informazzjoni għandha tiġi

[1] It-terminu "settur privat" ikopri l-kumpaniji/l-intrapriżi/il-korporazzjonijiet, l-organizzazzjonijiet tan-negozju jew entitajiet oħrajn "bi skop ta' qligħ", irrispettivament min-natura legali tagħhom (irreġistrati/mhux irreġistrati), il-proprjetà (ta' proprjetà totali jew parzjali privata/ta' proprjetà totali jew parzjali tal-istat) jew id-daqs (kbar/żgħar), jekk ma jkunux ikkontrollati mill-pubbliku.

[2] Għandhom jiġu elenkati l-kollaboraturi f'pożizzjoni li tista' twassal għal konflitt ta' interess (l-Artikolu 52 tar-Regolament Finanzjarju u l-Artikolu 34 tar-Regoli ta' Implimentazzjoni).

pprovduta skont il-formola ppubblikata mas-sejħa għall-proposti u għandha tkun iċċertifikata minn awditur indipendenti. Jekk dawn il-kontijiet juru li matul kwalunkwe waħda mis-snin finanzjarji koperti mill-għotja, il-benefiċjarji jkunu rċevew aktar minn 20 % tal-finanzjament ewlieni tagħhom minn organizzazzjonijiet tas-settur privat li jirrappreżentaw interess konfliġġenti, jew minn sorsi oħrajn li jirrappreżentaw interess konfliġġenti, l-ammont kollu tal-għotja għandu jiġi rkuprat.

ANNESS VII

Kriterji għal utilità eċċezzjonali għal għotjiet għal proġetti, għotjiet operattivi u azzjonijiet konġunti taħt it-tieni programm tal-azzjoni Komunitarja fil-qasam tas-saħħa (2008-2013)

Id-Deċiżjoni Nru 1350/2007/KE, l-Artikolu 4(1)(a), l-Artikolu 4(1)(b) u l-Artikolu 4(3)

1. PRINĊIPJI ĠENERALI

Jista' jingħata l-permess għal utilità eċċezzjonali għall-proposti li jkollhom valur miżjud Ewropew għoli ħafna fl-oqsma li ġejjin:

Kontribuzzjoni għal:

— titjib tas-saħħa taċ-ċittadini Ewropej, kif imkejjel fejn possibbli permezz ta' indikaturi xierqa, inkluż l-indikatur tas-Snin ta' Ħajja b'Saħħitha,

— tnaqqis tal-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa fl-Istati Membri u r-reġjuni tal-UE u bejniethom,

— bini ta' kapaċità għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki effettivi dwar is-saħħa pubblika, b'mod partikolari f'oqsma ta' ħtieġa għolja,

— involviment ta' atturi ġodda (mhux tradizzjonali) għas-saħħa f'azzjonijiet sostnuti, kooperattivi u etikament tajbin, kemm f'livell reġjonali jew lokali u kif ukoll fil-pajjiżi parteċipanti. Dan jinkludi s-settur pubbliku, is-settur privat u l-partijiet interessati fis-soċjetà ċivili usa' li l-miri primarji tagħhom mhumiex limitati għas-saħħa pubblika (pereżempju miż-żgħażagħ, il-gruppi etniċi u sferi oħrajn ta' interess pubbliku bħall-ambjent u l-isport).

Il-proposti li jissodisfaw il-kriterji msemmija hawn fuq jistgħu jitqiesu bħala li huma ta' utilità eċċezzjonali. L-applikanti għandhom ikunu kapaċi juru kif l-azzjoni proposta għandha tikkontribwixxi għall-oqsma msemmija hawn fuq billi tikkonforma mal-kriterji speċifikati hawn taħt.

2. L-UTILITÀ EĊĊEZZJONALI TAL-PROĠETTI

Kontribuzzjoni massima tal-UE għal kull benefiċjarju (jiġifieri għal kull benefiċjarju ewlieni u għal kull benefiċjarju assoċjat) ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli tista' tiġi kkunsidrata meta proposta tkun ta' utilità eċċezzjonali, kif speċifikat taħt it-taqsima "Prinċipji ġenerali" ta' hawn fuq. Mhux aktar minn 10 % tal-proġetti ffinanzjati għandhom jirċievu kofinanzjament tal-UE ta' aktar minn 60 %. Il-proposti għall-proġetti li jitolbu aktar minn 60 % tal-kofinanzjament għandhom jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

— Mill-inqas 60 % tal-baġit totali tal-azzjoni għandu jintuża għall-finanzjament tal-persunal. Dan il-kriterju huwa maħsub sabiex jippromwovi l-bini tal-kapaċità għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki effettivi dwar is-saħħa pubblika.

— Mill-inqas 25 % tal-baġit tal-azzjoni proposta għandu jiġi allokat lill-Istati Membri bi PDG per capita (kif ippubblikat mill-Eurostat fl-aħħar rapport statistiku tiegħu) fl-iċken kwartili tal-Istati Membri kollha tal-UE. Dan il-kriterju huwa maħsub sabiex jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa fost l-Istati Membri tal-UE.

— Għandu jintlaħaq riżultat ta' mill-inqas ħames marki minn tmienja għall-kriterji tal-għoti kollha skont il-blokk tar-rilevanza tal-politika msemmi fl-Anness II. Dan il-kriterju għandu l-għan li jippromwovi t-titjib tas-saħħa taċ-ċittadini Ewropej, fis-sens tat-titjib tar-rilevanza tal-politika.

— Mill-inqas 10 % tal-baġit għandu jiġi allokat għall-organizzazzjonijiet li ma jkunu rċevew l-ebda finanzjament taħt il-Programm tas-Saħħa fl-aħħar ħames snin. Dan il-kriterju huwa maħsub biex jippromwovi l-involviment ta' atturi ġodda għas-saħħa.

3. L-UTILITÀ EĊĊEZZJONALI TAL-GĦOTJIET OPERATTIVI

Tista' tiġi kkunsidrata kontribuzzjoni massima tal-UE ta' 80 % tal-ispejjeż eliġibbli fejn proposta għal għotja operattiva tkun ta' utilità eċċezzjonali, kif speċifikat taħt it-taqsima "Prinċipji ġenerali" ta' hawn fuq. Il-proposti għal għotjiet operattivi li jitolbu aktar minn 60 % ta' kofinanzjament ikollhom jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

— Mill-inqas 25 % tal-membri jew tal-membri kandidati tal-korpi jew organizzazzjonijiet mhux governattivi li jifformaw in-netwerk speċjalizzat jiġu minn Stati Membri bi PDG per capita (kif ippubblikat mill-Eurostat fl-aħħar rapport statistiku tagħha) fl-iċken kwartili tal-Istati Membri kollha.

— It-tnaqqis tal-inugwaljanzi fil-qasam tas-saħħa fuq livell reġjonali, nazzjonali jew tal-UE jintwera fil-missjoni kif ukoll fil-programm ta' ħidma annwali tal-organizzazzjoni applikanti/netwerk speċjalizzat.

4. L-UTILITÀ EĊĊEZZJONALI TAL-AZZJONIJIET KONĠUNTI

Kontribuzzjoni massima tal-UE ta' 70 % tal-ispejjeż eliġibbli tista' tiġi kkunsidrata meta proposta għal azzjoni konġunta tkun ta' użu eċezzjonali, kif speċifikat taħt it-taqsima "Prinċipji ġenerali" ta' hawn fuq. Il-proposti għal azzjonijiet konġunti li jitolbu aktar minn 50 % tal-kofinanzjament għandhom jikkonformaw mal-kriterji li ġejjin:

— Mill-inqas 60 % tal-baġit totali tal-azzjoni għandu jintuża għall-finanzjament tal-persunal. Dan il-kriterju huwa maħsub sabiex jippromwovi l-bini ta' kapaċitajiet għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' politiki effikaċi dwar is-saħħa pubblika.

— Mill-inqas 25 % tal-baġit tal-azzjoni proposta għandu jiġi allokat lil Stati Membri bi PDG per capita (kif ippubblikat mill-Eurostat fl-aħħar rapport statistiku tiegħu) fl-iċken kwartili tal-Istati Membri kollha tal-UE. Dan il-kriterju huwa maħsub sabiex jikkontribwixxi għat-tnaqqis tal-inugwaljanzi fis-saħħa fost l-Istati Membri tal-UE.

— Għandu jintlaħaq riżultat ta' mill-inqas ħames marki minn tmienja għall-kriterji tal-għoti kollha skont il-blokk tar-rilevanza tal-politika msemmi fl-Anness IV. Dan il-kriterju għandu l-għan li jippromwovi t-titjib tas-saħħa taċ-ċittadini Ewropej, fis-sens tat-titjib tar-rilevanza tal-politika.

— Mill-inqas 10 % tal-baġit għandu jiġi allokat għall-organizzazzjonijiet li ma jkunu rċevew l-ebda finanzjament taħt il-Programm tas-Saħħa fl-aħħar ħames snin. Dan il-kriterju huwa maħsub biex jippromwovi l-involviment ta' atturi ġodda għas-saħħa.

— Fl-azzjoni konġunta għandhom jipparteċipaw korpi minn mill-inqas 10 pajjiżi parteċipanti jew korpi minn tliet pajjiżi parteċipanti, fejn l-azzjoni tiġi proposta minn korp minn Stat Membru li jkun aċċeda għall-Unjoni Ewropea mill-1 ta' Mejju 2004 jew minn pajjiż kandidat.